REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/809

tat-13 ta' April 2023

li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu tagħmir iwweldjat tarf ma' tarf ta' tubi u pajpijiet tal-azzar li ma jsaddadx, imlestija jew le, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mit-Tajwan wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(2) tiegħu,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Investigazzjonijiet preċedenti u miżuri fis-seħħ

(1) Bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2017/141 ([2]), il-Kummissjoni imponiet dazji anti-dumping definittivi li jvarjaw minn 30,7 % sa 64,9 % fuq l-importazzjonijiet ta'ċertu tagħmir iwweldjat tarf ma' tarf ta' tubi u pajpijiet li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ir-"RPĊ") u dazji anti-dumping definittivi li jvarjaw minn 5,1 % sa 12,1 % fuq l-importazzjonijiet li joriġinaw mit-Tajwan.

1.2. Talba għal rieżami ta' skadenza

(2) Wara l-pubblikazzjoni ta' Avviż dwar l-iskadenza imminenti tal-miżuri fis-seħħ ([3]), il-Kummissjoni rċeviet talba għall-bidu ta' rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

(3) It-talba għal rieżami saret fis-26 ta' Ottubru 2021 mill-Kumitat tad-Difiża tal-industrija tat-Tagħmir tal-azzar li ma jsaddadx iwweldjat tarf ma' tarf tal-Unjoni Ewropea ("l-applikant") li jirrappreżenta aktar minn 25 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni ta' ċertu tagħmir iwweldjat tarf ma' tarf ta' tubi u pajpijiet. It-talba għal rieżami kienet ibbażata fuq ir-raġunijiet li l-iskadenza tal-miżuri probabbli tirriżulta f'kontinwazzjoni jew f'rikorrenza ta' dumping u dannu għall-industrija tal-Unjoni.

1.3. Bidu ta' rieżami ta' skadenza

(4) Wara li ddeterminat, wara konsultazzjoni mal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku, li kienet teżisti biżżejjed evidenza għall-bidu ta' rieżami ta' skadenza, fis-26 ta' Jannar 2022, il-Kummissjoni bdiet rieżami ta' skadenza fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' ċertu tagħmir iwweldjat tarf ma' tarf ta' tubi u pajpijiet tal-azzar li ma jsaddadx, imlestija jew le, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u t-Tajwan abbażi tal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni ppubblikat Notifika ta' Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([4]) ("in-Notifika ta' Bidu").

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/141 tas-26 ta' Jannar 2017 li jimponi dazji antidumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu tagħmir iwweldjat tarf ma' tarf ta' tubi u pajpijiet tal-azzar li ma jsaddadx, imlestija jew le, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u t-Tajwan (ĠU L 22, 27.1.2017, p. 14).

([3]) Avviż dwar l-iskadenza imminenti ta' ċerti miżuri anti-dumping (ĠU C 168, 5.5.2021, p. 5).

([4]) In-Notifika ta' bidu ta' rieżami ta' skadenza tal-miżuri anti-dumping applikabbli għal importazzjonijiet ta' ċertu tagħmir iwweldjat tarf ma' tarf ta' tubi u pajpijiet tal-azzar li ma jsaddadx, imlestija jew le, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u t-Tajwan (ĠU C 40, 26.1.2022, p. 1).

1.4. **Investigazzjoni antiċirkomvenzjoni parallela**

(5) Fit-8 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni bdiet investigazzjoni, skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament bażiku, dwar ċirkomvenzjoni possibbli tal-miżuri anti-dumping fis-seħħ fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' ċertu tagħmir iwweldjat tarf ma' tarf ta' tubi u pajpijiet tal-azzar li ma jsaddadx, imlestija jew le, li joriġinaw mir-RPĊ, u għamlet dawn l-importazzjonijiet soġġetti għar-reġistrazzjoni ([5]).

(6) L-investigazzjoni kkonkludiet li l-miżuri eżistenti dwar l-importazzjonijiet ta' ċertu tagħmir iwweldjat tarf ma' tarf ta' tubi u pajpijiet tal-azzar li ma jsaddadx, imlestija jew le, li joriġinaw mir-RPĊ, kienu qed jiġu evitati. Il-miżuri ġew estiżi għall-importazzjonijiet ta' tagħmir iwweldjat tarf ma' tarf ta' tubi u pajpijiet tal-azzar li ma jsaddadx, imlestija jew le, ikkonsenjati mill-Malażja, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Malażja kif ukoll jekk le, bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/453 ([6]).

1.5. **Perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami u perjodu taħt kunsiderazzjoni**

(7) L-investigazzjoni ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza ta' dumping kienet tkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2021 ("il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami" jew "RIP"). L-eżaminazzjoni tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza tad-dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2018 sa tmiem il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami ("il-perjodu taħt kunsiderazzjoni").

1.6. **Partijiet interessati**

(8) Fin-Notifika ta' Bidu, il-partijiet interessati ġew mistiedna jikkuntattjaw lill-Kummissjoni sabiex jieħdu sehem fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni speċifikament informat lill-applikant, lill-produtturi tal-Unjoni magħrufin oħrajn, lill-produtturi esportaturi magħrufin, lill-awtoritajiet tar-RPĊ, lill-awtoritajiet tat-Tajwan, lill-importaturi magħrufin, lill-utenti, lin-negozjanti kif ukoll lill-assoċjazzjonijiet magħrufin li huma kkonċernati dwar il-bidu tar-rieżami ta' skadenza u stednithom jipparteċipaw.

(9) Il-partijiet interessati kellhom l-opportunità jikkummentaw dwar il-bidu tar-rieżami ta' skadenza u li jitolbu seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali. L-ebda waħda mill-partijiet interessati ma talbet seduta ta' smigħ.

1.7. **Affermazzjonijiet tal-bidu**

(10) Zhejiang Jndia Pipeline Industry Co. Ltd., ("Zhejiang Jndia"), produttur esportatur ta' tagħmir iwweldjat tarf ma' tarf tal-azzar li ma jsaddadx ("SSTPF"), u l-Kamra tal-Kummerċ Ċiniża tal-Importaturi u tal-Esportaturi tal-Metalli, tal-Minerali u tal-Kimiċi ("CCCMC") ipprovdew kummenti dwar it-talba għal rieżami u l-bidu tal-investigazzjoni.

(11) Fir-rigward tal-affermazzjonijiet ġenerali li t-talba ma kienx fiha biżżejjed evidenza, il-Kummissjoni nnotat li l-ġurisprudenza tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ("WTO") ikkwotata minn Zhejiang Jndia u mis-CCCMC hija irrilevanti, peress li ma tindirizzax l-istandard ta' evidenza meħtieġ għall-bidu tal-proċedimenti ([7]). L-applikant ipprovda "evidenza suffiċjenti" biex jiġġustifika l-bidu ta' investigazzjoni, skont it-tifsira tal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, li huwa l-istandard ġuridiku xieraq. Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/894 tas-7 ta' Ġunju 2022 li jniedi investigazzjoni dwar il-possibbiltà ta' ċirkomvenzjoni tal-miżuri antidumping imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/141 fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu tagħmir iwweldjat tarf ma' tarf ta' tubi u pajpijiet tal-azzar li ma jsaddadx, imlestija jew le, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina b'importazzjonijiet ta' ċertu tagħmir iwweldjat tarf ma' tarf ta' tubi u pajpijiet tal-azzar li ma jsaddadx, imlestija jew le, ikkonsenjati mill-Malażja, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Malażja kif ukoll jekk le, u li jagħmel dawn l-importazzjonijiet soġġetti għar-reġistrazzjoni (ĠU L 155, 8.6.2022, p. 36).

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/453 tat-2 ta' Marzu 2023 li jestendi d-dazju anti-dumping definittiv impost bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/141 fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu tagħmir iwweldjat tarf ma' tarf ta' tubi u pajpijiet tal-azzar li ma jsaddadx, imlestija jew le, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għal importazzjonijiet ta' ċertu tagħmir iwweldjat tarf ma' tarf ta' tubi u pajpijiet tal-azzar li ma jsaddadx, imlestija jew le, ikkonsenjati mill-Malażja, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Malażja kif ukoll jekk le(ĠU L 67, 3.3.2023, p. 19).

([7]) L-Istati Uniti - Sunset Review of Anti-Dumping Duties on Corrosion-Resistant Carbon Steel Flat Products from Japan - Rapport tal-Bord (WT/DS244/R), il-paragrafu 7.271. L-Istati Uniti - Sunset Review of Anti-Dumping Duties on Corrosion-Resistant Carbon Steel Flat Products from Japan - Rapport tal-Korp tal-Appell (WT/DS244/AB/R), il-paragrafi 114 u 168, 177 u 178. L-Unjoni Ewropea - Miżuri Anti-dumping fuq Ċerti Żraben miċ-Ċina - Rapport tal-Bord (WT/DS405/R), il-paragrafi 7.333 u 7.495.

(12) Zhejiang Jndia u s-CCCMC iddikjaraw li l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku ma kinitx iġġustifikata għall-finijiet tat-talba u li ma kien hemm l-ebda distorsjoni sinifikanti fir-RPĊ. Dawn l-affermazzjonijiet ġew indirizzati fil-premessi (84) sa (87) hawn taħt.

(13) Zhejiang Jndia u s-CCCMC iddikjaraw li l-applikant ippropona lit-Tajlandja bħala pajjiż rappreżentattiv mingħajr ma pprovda evidenza li tissodisfa l-kriterji tal-Artikolu 2(6a)(a).

(14) Il-Kummissjoni ma qablitx. Fit-talba għal rieżami ta' skadenza, l-applikant eżamina erba' pajjiżi bħala pajjiżi rappreżentattivi potenzjali li kellhom livell simili ta' żvilupp ekonomiku bħar-RPĊ, jiġifieri t-Tajlandja, l-Indoneżja, il-Malażja u t-Turkija ([8]). L-erba' pajjiżi kollha ġew identifikati bħala li għandhom industrija li tesporta mill-anqas 500 tunnellata ta' SSTPFs fis-sena ([9]). L-applikant għażel lit-Tajlandja minn fost l-erba' pajjiżi abbażi tad-disponibbiltà ta' *data* pubblika rilevanti ([10]). L-għażla tat-Tajlandja bħala pajjiż rappreżentattiv kienet appoġġata minn biżżejjed evidenza, bħall-istatistika dwar l-importazzjoni u l-esportazzjoni, sorsi użati biex jiġu stabbiliti kostijiet mingħajr distorsjoni, u evidenza ta' produtturi magħrufa b'informazzjoni finanzjarja disponibbli għall-pubbliku.

(15) Zhejiang Jndia u s-CCCMC affermaw ukoll li t-Tajlandja ma hijiex għażla xierqa. B'mod konkret, huma affermaw li l-prezz tal-gass fit-Tajlandja huwa distort peress li l-industrija tal-gass hija ddominata minn żewġ atturi biss, u li l-kumpanija Tajlandiza magħżula mill-applikant għall-istabbiliment tal-kostijiet tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi ("SG&A") u tal-profitt tipproduċi wkoll prodotti oħrajn, allura r-rappreżentattività tagħha teħtieġ kjarifika ulterjuri.

(16) Fir-rigward tal-gass naturali, l-evidenza pprovduta minn Zhejiang Jndia u s-CCCMC tmur lura għall-2011, 10 snin qabel il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami ([11]). Barra minn hekk, il-partijiet interessati ma pprovdewx evidenza ta' distorsjonijiet fit-Tajlandja, huma sempliċiment affermaw li minħabba li s-suq huwa ddominat minn żewġ atturi dan kien distort. Barra minn hekk, l-applikant ibbaża l-parametru referenzjarju għall-gass fuq il-prezz tal-importazzjonijiet fit-Tajlandja. Il-partijiet interessati ma spjegawx għaliex il-pożizzjoni dominanti fis-suq allegata twassal għal prezzijiet distroti tal-importazzjoni ([12]). Zhejiang Jndia u s-CCCMC ma pprovdew l-ebda evidenza dwar il-firxa tal-prodotti tal-kumpanija magħżula mill-applikant jew għaliex din l-evidenza ma tkunx xierqa. Fi kwalunkwe każ, it-talba pprovdiet biżżejjed evidenza li l-kumpanija li użat biex tistabbilixxi l-kostijiet SG&A u l-profitt hija produttur tal-SSTPF b'informazzjoni disponibbli għall-pubbliku ([13]), u dan kien biżżejjed biex jiġġustifika l-bidu tal-investigazzjoni.

(17) Zhejiang Jndia u s-CCCMC affermaw ukoll li l-applikant ma kkalkolax il-valur normali b'mod korrett minħabba li, kif indikat mit-talba, it-Tajlandja ma għandhiex informazzjoni dwar l-imballaġġ, kostijiet diretti oħrajn, it-tagħmir tal-produzzjoni u l-ispejjeż ġenerali tal-fabbrika, u għalhekk l-applikant ħadimhom fuq il-bażi tal-kost tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni.

(18) Il-Kummissjoni ma qablitx. L-informazzjoni dwar l-imballaġġ, kostijiet diretti oħrajn, it-tagħmir tal-produzzjoni u l-ispejjeż ġenerali tal-fabbrika fit-Tajlandja ma kinitx disponibbli faċilment għall-applikant. L-investigazzjoni oriġinali stabbiliet li l-SSTPF prodott fl-Unjoni u dak esportat mir-RPĊ għandhom l-istess karatteristiċi bażiċi. Zhejiang Jndia u s-CCCMC ma pprovdewx evidenza li tiġġustifika konklużjoni differenti. Għalhekk, biex jistabbilixxi l-valur normali, u biex jitqies l-impatt potenzjali tad-differenza fl-iżvilupp ekonomiku bejn it-Tajlandja u l-Unjoni, minflok ma uża valuri assoluti, l-applikant uża l-proporzjon ta' dawk l-entrati fil-kost tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni, li sussegwentement huwa applika għall-valuri mingħajr distorsjoni stabbiliti bl-użu tat-Tajlandja bħala pajjiż rappreżentattiv.

(19) Zhejiang Jndia u s-CCCMC qalu wkoll li fit-talba l-applikant kien naqas milli jipprovdi evidenza pożittiva li d-dannu x'aktarx li jkompli jew jerġa' jseħħ jekk il-miżuri jitħallew jiskadu. Fir-rigward tal-kontinwazzjoni tad-dannu, dawn il-partijiet affermaw li l-konsum fis-suq tal-Unjoni, il-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni u l-kapaċità tal-produzzjoni u x-xejriet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni kif irrapportati fit-talba kienu kollha pożittivi u li, b'mod ġenerali, l-industrija ma kinitx qiegħda ġġarrab dannu, filwaqt li indikaw ukoll id-diffikultajiet eċċezzjonali tas-suq ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19. Huma indikaw ukoll iċ-ċifri tal-profittabbiltà ppubblikati ta' produttur

([8]) It-Talba għal rieżami ta' skadenza taqsima B.1.1.2 p. 8.
([9]) Ibid.
([10]) It-Talba għal rieżami ta' skadenza taqsima B.1.1.13 p. 15.
([11]) https://www.apec.org/publications/2011/01/the-impacts-and-benefits-of-structural-reforms-in-transport-energy-and-telecommunications-sectors
([12]) It-Talba għal rieżami ta' skadenza, il-paragrafu 80 u l-Anness C – DM – 02 NM.
([13]) It-Talba għal rieżami ta' skadenza, il-paragrafu 93 u l-Annessi 20.1 sa 20.4 MIFTUĦA

ewlieni tal-Unjoni fit-3 snin ta' qabel il-pandemija tal-COVID-19, li kienu fl-istess firxa bħall-profitt fil-mira stabbilit fl-investigazzjoni li wasslet għall-miżuri. Fuq dik il-bażi, huma sostnew li l-industrija tal-Unjoni ma kinitx qiegħda ġġarrab dannu. Fir-rigward tal-probabbiltà ta' rikorrenza ta' dannu, Zhejiang Jndia u s-CCCMC sostnew li t-talba wriet li d-dannu ma kienx probabbli li jerġa' jseħħ peress li s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni kien f'livell għoli b'mod konsistenti filwaqt li s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mir-RPĊ kien żgħir wisq biex ikollu xi impatt fuq l-istat tal-industrija tal-Unjoni.

(20) Bħala kumment preliminari, huwa mfakkar li sejba ta' evidenza biżżejjed fir-rigward ta' dannu materjali tirrikjedi eżami, *inter alia*, tal-fatturi rilevanti kif deskritt fl-Artikolu 5(2)(d) tar-Regolament bażiku. Fil-fatt, il-formulazzjoni tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament bażiku tiddikjara li l-ilment għandu jkun fih informazzjoni dwar il-bidliet fil-volum ta' importazzjonijiet li allegatament huma l-oġġett ta' dumping, l-effett ta' dawk l-importazzjonijiet fuq il-prezzijiet tal-prodott simili fis-suq tal-Unjoni u l-impatt konsegwenti tal-importazzjonijiet fuq l-industrija tal-Unjoni, kif muri minn fatturi u indiċijiet rilevanti (mhux neċessarjament kollha) li jaffettwaw l-istat tal-industrija tal-Unjoni, bħal dawk elenkati fl-Artikoli 3(3) u 3(5). Dan huwa applikabbli *mutatis mutandis* għall-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' analiżi ta' rikorrenza fir-rieżamijiet ta' skadenza, fejn l-enfasi tkun fuq dak li jseħħ jekk il-miżuri jiskadu.

(21) Fir-rigward tal-allegazzjonijiet ta' Zhejiang Jndia u tas-CCCMC rigward l-iżvilupp pożittiv tal-produzzjoni u tal-kapaċità tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni, il-volumi tal-bejgħ kif ukoll il-profittabbiltà, il-Kummissjoni nnotat li l-miżuri anti-dumping spiss ikollhom effett pożittiv fuq l-istat tal-industrija tal-Unjoni – fattur li ovvjament tqies fl-analiżi tas-Servizzi tal-Kummissjoni qabel il-bidu.

(22) Skont l-evidenza pprovduta fit-talba u analizzata mill-Kummissjoni, il-volumi tal-prodott taħt rieżami mir-RPĊ u mit-Tajwan li jippenetraw fis-suq tal-Unjoni fin-nuqqas ta' miżuri x'aktarx li kienu jiżdiedu minħabba l-eżistenza ta' kapaċità mhux użata f'dawk il-pajjiżi. It-talba kien fiha biżżejjed evidenza li l-effett ta' dawn il-volumi bi prezzijiet li x'aktarx ikomplu jwaqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni x'aktarx li jkun kontinwazzjoni jew rikorrenza tad-dannu għall-industrija tal-Unjoni.

(23) Zhejiang Jndia u s-CCCMC affermaw ukoll li l-verżjoni miftuħa tat-talba ma ppermettietx fehim xieraq tal-prestazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, peress li diversi indikaturi mikroekonomiċi li jikkonċernaw it-tliet produtturi tal-Unjoni ġew irrapportati f'format indiċjat biss minħabba raġunijiet ta' kunfidenzjalità.

(24) Fir-rigward ta' din l-affermazzjoni, huwa meqjus li l-verżjoni miftuħa għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati tat-talba kien fiha l-evidenza essenzjali kollha u s-sommarji mhux kunfidenzjali tad-*data* pprovduta taħt trattament kunfidenzjali sabiex il-partijiet interessati jkunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tad-difiża tagħhom matul il-proċediment.

(25) Huwa mfakkar li l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku u l-Artikolu 6(5) tal-Ftehim dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ ([14]) jippermettu s-salvagwardja ta' informazzjoni kunfidenzjali f'ċirkostanzi fejn id-divulgazzjoni tagħha tkun ta' vantaġġ kompetittiv sinifikanti għal kompetitur jew jista' jkollha effett negattiv sinifikanti fuq il-persuna li tipprovdi l-informazzjoni jew fuq il-persuna li mingħandha dik il-persuna tkun akkwistat l-informazzjoni. L-informazzjoni pprovduta bħala kunfidenzjali taqa' taħt dawn il-kategoriji. L-applikant ġabar fil-qosor b'mod adegwat il-kontenut ta' dawn l-annessi, mingħajr ma żvela *data* sensittiva speċifika għall-kumpanija. L-indiċjar taċ-ċifri f'każijiet fejn jeżisti biss għadd żgħir ħafna ta' produtturi fl-Unjoni huwa perfettament ġustifikat.

(26) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonfermat li l-applikant ipprovda biżżejjed evidenza li l-iskadenza tal-miżuri x'aktarx li tirriżulta f'kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping u dannu, u b'hekk issodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, it-talba ssodisfat ir-rekwiżiti għall-bidu.

([14]) "Kwalunkwe informazzjoni li hija ta' xorta kunfidenzjali, (pereżempju, minħabba li r-rivelazzjoni tagħha tkun ta' vantaġġ kompetittiv sinifikanti għal xi kompetitur jew kien ikollha effett kuntrarju sinifikanti fuq persuna li tforni l-informazzjoni jew fuq persuna li mingħandha l-persuna li tforni l-informazzjoni ikun akkwista l-informazzjoni) jew li hija mogħtija fuq bażi kunfidenzjali minn partijiet għall-investigazzjoni għandha, jekk tiġi murija raġuni tajba, tiġi ttrattata bħala tali mill-awtoritajiet. Informazzjoni bħal din m'għandhiex tkun żvelata bla permess speċifiku tal-parti li jissottomettiha."

1.8. **Kampjunar**

(27) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni ddikjarat li hija tista' tieħu kampjun tal-partijiet interessati f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

1.8.1. *Kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni*

(28) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni ddikjarat li hija kienet għażlet b'mod provviżorju kampjun ta' tliet produtturi tal-Unjoni, li jinsabu fi tliet Stati Membri differenti. Il-Kummissjoni għażlet il-kampjun fuq il-bażi tal-volum tal-produzzjoni u tal-bejgħ tal-prodott simili fl-Unjoni matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2021 irrapportat mill-produtturi tal-Unjoni fil-kuntest tal-analiżi tal-valutazzjoni permanenti ta' qabel il-bidu. Il-kampjun kien jammonta għal [56 % - 62 %] tal-produzzjoni stmata fl-Unjoni tal-prodott simili. Il-Kummissjoni informat lill-partijiet interessati bil-kampjun provviżorju tagħha permezz ta' Nota għall-fajl fis-26 ta' Jannar 2022. F'dik in-Nota, il-partijiet interessati ġew mistiedna jikkummentaw dwar il-kampjun provviżorju.

(29) L-ebda parti ma tat kumment. Matul il-konsultazzjonijiet mal-applikant wara li fil-fajl tqegħdet in-Nota msemmija hawn fuq, deher ċar li ma kienx xieraq li Rohrbogen Sp.z.o.o. tiġi inkluża fil-kampjun tal-produtturi tal-Unjoni peress li, għal raġunijiet sensittivi għall-kumpanija, ma setgħetx titqies bħala produttur rappreżentattiv matul il-perjodu ta' referenza kollu. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li kienet meħtieġa bidla fil-kampjun.

(30) Il-partijiet interessati ġew innotifikati bil-kampjun rivedut permezz ta' Nota fil-fajl fit-18 ta' Frar 2022 u ġew mistiedna jikkummentaw. Il-kampjun rivedut kien jikkonsisti mit-tliet produtturi Erne Fittings GmbH (l-Awstrija), OSTP Finland Oy u OSTP Sweden AB, li kienu jirrappreżentaw madwar [44 % - 50 %] tal-volumi totali stmati tal-produzzjoni tal-prodott simili fl-Unjoni.

(31) L-ebda parti ma għamlet kumment u l-kampjun ġie kkonfermat permezz ta' Nota fil-fajl fit-28 ta' Frar 2022.

1.8.2. *Kampjunar tal-importaturi*

(32) Sabiex tiddeċiedi jekk kienx meħtieġ kampjunar u jekk iva biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lil xi importaturi mhux relatati jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu. Ma kienx hemm importatur mhux relatat li ppreżenta l-informazzjoni mitluba. Konsegwentement, il-Kummissjoni ddeċidiet li l-kampjunar ma kienx meħtieġ.

1.8.3. *Kampjunar tal-produtturi esportaturi fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u t-Tajwan*

(33) Sabiex tiddeċiedi jekk kienx meħtieġ kampjunar u jekk iva biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi magħrufa/produtturi esportaturi kollha fir-RPĊ u fit-Tajwan sabiex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Missjoni tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u lill-Awtoritajiet Tajwaniżi rilevanti jidentifikaw u/jew jikkuntattjaw lil produtturi/produtturi esportaturi oħrajn, jekk hemm, li jistgħu jkunu interessati jipparteċipaw fl-investigazzjoni.

(34) L-ebda produttur/produttur esportatur mir-RPĊ ma pprovda l-informazzjoni mitluba u/jew qabel li jkun inkluż fil-kampjun. Għalhekk, peress li ma kienx hemm kooperazzjoni mill-produtturi Ċiniżi, is-sejbiet fir-rigward tal-importazzjonijiet mir-RPĊ qed isiru abbażi tal-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

(35) Billi produttur esportatur Tajwaniż wieħed biss ipprovda l-informazzjoni mitluba u qabel li jiġi inkluż fil-kampjun, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma kienx meħtieġ kampjunar fir-rigward tat-Tajwan.

1.9. **Tweġibiet għall-kwestjonarju**

(36) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fir-RPĊ skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku lill-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("GTĊ").

(37) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju lill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun u lill-uniku produttur esportatur Tajwaniż li kkoopera. L-istess kwestjonarji kif ukoll kwestjonarji għall-importaturi mhux relatati saru disponibbli fuq is-sit web tad-DĠ Kummerċ ([15]) fil-jum tal-bidu. Matul l-investigazzjoni, il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju lill-applikant li fih talbet *data* makroekonomika dwar l-industrija tal-Unjoni.

(38) Waslu tweġibiet għall-kwestjonarju mingħand produttur esportatur Tajwaniż wieħed, mingħand it-tliet produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun u mingħand l-applikant.

1.10. **Verifika**

(39) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha meqjusa bħala meħtieġa biex tiddetermina l-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza tad-dumping u tad-dannu kif ukoll l-interess tal-Unjoni.

(40) Iż-żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku twettqu fil-bini tal-kumpaniji li ġejjin:

Produttur esportatur Tajwaniż:

— Ta Chen Stainless Pipes Co., Ltd ("Ta Chen"), Tainan, it-Tajwan

(41) Il-Kummissjoni wettqet ukoll Kontroverifika mill-Bogħod (Remote Cross Check - RCC) tat-tweġibiet għall-kwestjonarju tal-kumpaniji li ġejjin:

Produtturi tal-Unjoni:

— Erne Fittings GmbH, Schlins, l-Awstrija

— OSTP Sweden AB, Örnsköldsvik, l-Iżvezja

— OSTP Finland Oy, Jakobstad, il-Finlandja

— Kumitat tad-Difiża tal-industrija tat-tagħmir iwweldjat tarf ma' tarf tal-azzar li ma jsaddadx tal-Unjoni Ewropea (l-applikant), Brussell, il-Belġju

Importatur fil-pajjiż terz relatat mal-produttur fit-Tajwan:

— Ta Chen International ("TCI"), Long Beach CA, l-Istati Uniti tal-Amerka

2. **PRODOTT TAĦT RIEŻAMI U PRODOTT SIMILI**

2.1. **Prodott taħt rieżami**

(42) Il-prodott taħt rieżami huwa tagħmir iwweldjat tarf ma' tarf ta' tubi u pajpijiet, ta' gradi ta' azzar li ma jsaddadx awstenitiku, li jikkorrispondi għat-tipi AISI 304, 304L, 316, 316L, 316Ti, 321 u 321H u l-ekwivalenti tagħhom fin-normi l-oħrajn, b'dijametru estern massimu li ma jaqbiżx l-406,4 mm u bi ħxuna tal-ħitan ta' 16 mm jew anqas, bi ħruxija medja (Ra) tal-wiċċ intern ta' mhux anqas minn 0,8 mikrometri, mhux ifformati bħala flanġijiet, imlestija jew le, li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("RPĊ") u mit-Tajwan ("SSTPF" jew "il-prodott taħt rieżami"), attwalment ikklassifikat taħt il-kodiċijiet NM ex 7307 23 10 u ex 7307 23 90 (il-kodiċijiet TARIC 7307 23 10 50, 7307 23 10 55, 7307 23 90 50 u 7307 23 90 55).

(43) Il-prodott taħt rieżami jiġi mmanifatturat essenzjalment billi jinqatgħu u jiġu fformati tubi u pajpijiet. Jintuża biex jgħaqqad pajpijiet u tubi tal-azzar li ma jsaddadx u jeżisti f'forom differenti bħal elbows, reducers, forom ta' T u tappijiet. Ċertu tagħmir iwweldjat tarf ma' tarf ta' tubi u pajpijiet, kif definiti hawn fuq, jintużaw f'firxa wiesgħa ta' industriji tal-konsumatur u applikazzjonijiet finali, bħall-industrija petrokimika, l-industriji tal-ipproċessar tax-xorb u tal-ikel u tal-farmaċewtiċi, fil-bini tal-bastimenti, fil-ġenerazzjoni tal-enerġija, fl-impjanti tal-enerġija, fil-kostruzzjonijiet u fl-installazzjonijiet industrijali.

(44) Fil-kuntest ta' seduta li saret fit-3 ta' Marzu 2022, l-assoċjazzjoni Euranimi, li tirrappreżenta grupp ta' importaturi, ikkummentat li s-suq tal-SSTPF huwa naturalment maqsum f'żewġ segmenti speċifiċi u kważi mhux sovrapposti: Materjali Ewropej u Asjatiċi. Din żiedet li għal ċerti kundizzjonijiet tal-użu, l-utenti finali normalment jitolbu materjali Ewropej. Min-naħa l-oħra, il-materjali Asjatiċi ntużaw għal ambjenti li fost l-oħrajn kienu b'korrużjoni limitata u temperaturi mnaqqsa.

([15]) https://tron.trade.ec.europa.eu/investigations/case-view?caseId=2574

(45) Il-Kummissjoni nnotat li l-ebda talba speċifika għall-esklużjoni tal-prodott ma kienet marbuta ma' dan il-kumment. Minkejja dan, il-Kummissjoni ċċarat li fil-qafas ta' investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, ma setgħet tiġi indirizzata l-ebda talba ta' dan it-tip għall-esklużjoni ta' prodott.

(46) Fit-23 ta' Awwissu 2022, Euranimi tenniet il-kummenti preċedenti tagħha u żiedet speċifikazzjonijiet tekniċi, bħal li ċerti materjali Asjatiċi kienu jeħtieġu trattament bis-sħana filwaqt li dawk Ewropej ma kinux. Dawn il-kummenti ma kinux adatti biex ibiddlu l-konklużjonijiet li saru fil-premessa (45).

2.2. **Prodott simili**

(47) Kif intwera fl-investigazzjoni li wasslet għall-impożizzjoni tal-miżuri fis-seħħ ([16]), il-prodotti li ġejjin għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u tekniċi bażiċi, kif ukoll l-istess użi bażiċi:

— il-prodott taħt rieżami;

— il-prodott manifatturat u mibjugħ fis-suq domestiku tal-pajjiżi kkonċernati (ir-RPĊ u t-Tajwan); u

— l-prodott manifatturat u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni.

Għalhekk, dawn il-prodotti huma kkunsidrati bħala prodotti simili skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

3. **DUMPING**

3.1. **Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina**

3.1.1. *Kummenti preliminari*

(48) Matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami, l-importazzjonijiet ta' SSTPF li joriġinaw mir-RPĊ komplew, għalkemm f'livelli aktar baxxi milli fil-perjodu ta' investigazzjoni tal-investigazzjoni oriġinali. Skont COMEXT (Eurostat), l-importazzjonijiet ta' SSTPF mir-RPĊ ammontaw għal madwar 5,6 % tas-suq tal-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, meta mqabbla ma' 22,9 % fil-perjodu tal-investigazzjoni oriġinali. F'termini assoluti, l-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami li joriġina mir-RPĊ ammontaw għal 719-il tunnellata fil-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami meta mqabbla ma' 3 238 tunnellata fl-investigazzjoni oriġinali.

(49) Kif imsemmi fil-premessa (34), l-ebda wieħed mill-produtturi magħrufa/produtturi esportaturi mir-RPĊ ma kkoopera fl-investigazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni informat lill-awtoritajiet tar-RPĊ li minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni, il-Kummissjoni tista' tapplika l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku dwar is-sejbiet fir-rigward tar-RPĊ. Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment jew talba għal intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta f'dan ir-rigward.

(50) Konsegwentement, f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, is-sejbiet fir-rigward tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping kienu bbażati fuq il-fatti disponibbli, b'mod partikolari l-informazzjoni li tinsab fit-talba għal rieżami, id-*data* disponibbli għall-pubbliku mill-produtturi tal-SSTPF Tajlandiżi, mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, mit-Tajlandja, id-*data* mill-Awtorità Provinċjali tat-Tajlandja tax-Xogħlijiet tal-Ilma, mill-Ministeru tal-Enerġija tat-Tajlandja, mill-bażi tad-*data* COMEXT tal-Eurostat, mill-bażi tad-*data* tal-Istatistika tal-ILO u mill-Atlas Globali tal-Kummerċ (GTA) ([17]).

3.1.2. *Kontinwazzjoni tad-dumping matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami*

3.1.2.1. Proċedura għad-determinazzjoni tal-valur normali skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku għall-importazzjonijiet ta' ċertu tagħmir iwweldjat tarf ma' tarf ta' tubi u pajpijiet tal-azzar li ma jsaddadx (SSTPFs) li joriġina mir-RPĊ.

(51) Minħabba li l-evidenza suffiċjenti disponibbli fil-bidu tal-investigazzjoni kellha t-tendenza turi, fir-rigward tar-RPĊ, l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni bdiet l-investigazzjoni abbażi tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.

([16]) Ara n-nota 2 f'qiegħ il-paġna.

([17]) https://connect.ihsmarkit.com/gta/home

(52) Sabiex tikseb l-informazzjoni li qieset meħtieġa għall-investigazzjoni tagħha fir-rigward tal-allegati distorsjonijiet sinifikanti, il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju lill-GTĊ. Barra minn hekk, fil-punt 5.3.2 tan-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati kollha jesprimu l-fehmiet tagħhom, jissottomettu informazzjoni u jipprovdu evidenza ta' sostenn fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni tan-Notifika ta' Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Ma waslet l-ebda tweġiba għall-kwestjonarju mill-GTĊ u ma waslet l-ebda sottomissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku. Sussegwentement, il-Kummissjoni informat lill-GTĊ li hija kienet se tuża l-fatti disponibbli skont it-tifsira tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku biex tiddetermina l-eżistenza tad-distorsjonijiet sinifikanti fir-RPĊ.

(53) Fil-punt 5.3.2 tan-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni speċifikat ukoll li, fid-dawl tal-evidenza disponibbli, hija jista' jkollha bżonn tagħżel pajjiż rappreżentattiv xieraq skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku bil-għan li tiddetermina l-valur normali abbażi ta' prezzijiet jew ta' valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni. Speċifikat ukoll li pajjiż terz rappreżentattiv possibbli għar-RPĊ f'dan il-każ huwa t-Tajlandja, iżda li se teżamina pajjiżi oħrajn possibbilment xierqa f'konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2(6a), l-ewwel inċiż, tar-Regolament bażiku.

(54) Fl-24 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni ħarġet nota fil-fajl dwar is-sorsi għad-determinazzjoni tal-valur normali ("Nota dwar is-sorsi").

(55) Fin-Nota dwar is-sorsi, il-Kummissjoni informat lill-partijiet interessati li fin-nuqqas ta' kooperazzjoni, ikollha tiddependi fuq il-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Għalhekk, il-Kummissjoni kellha l-ħsieb tuża l-informazzjoni li tinsab fit-talba għal rieżami ta' skadenza, flimkien ma' sorsi oħrajn ta' informazzjoni meqjusa xierqa skont il-kriterji rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku f'konformità mal-Artikolu 18(5) tar-Regolament bażiku kif speċifikat hawn taħt f'din in-nota.

(56) Permezz tan-Nota dwar is-sorsi, il-Kummissjoni informat ukoll lill-partijiet interessati li kienet beħsiebha tuża lit-Tajlandja bħala pajjiż rappreżentattiv u dwar is-sorsi rilevanti li kienet beħsiebha tuża għad-determinazzjoni tal-valur normali bit-Tajlandja bħala l-pajjiż rappreżentattiv.

(57) Fin-Nota dwar is-sorsi, il-Kummissjoni informat lill-partijiet interessati li, minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni hija se tibbaża kostijiet diretti oħrajn u l-ispejjeż ġenerali tal-manifattura fuq l-informazzjoni dwar l-industrija tal-Unjoni pprovduta fit-talba għal rieżami ta' skadenza u tesprimihom bħala perċentwali.

(58) Hija informat ukoll lill-partijiet interessati li se tistabbilixxi l-kostijiet u l-profitti tal-SG&A abbażi ta' informazzjoni disponibbli għall-pubbliku għal żewġ produtturi mit-Tajlandja, Thai Benkan Co. Ltd., u Thairungrueng Fitting & Value Co. Ltd.

(59) Permezz tan-Nota dwar is-sorsi, il-Kummissjoni stiednet ukoll lill-partijiet interessati biex jikkummentaw dwar is-sorsi u l-adegwatezza tat-Tajlandja bħala pajjiż rappreżentattiv u jissuġġerixxu wkoll pajjiżi oħrajn, sakemm dawn ippreżentaw biżżejjed informazzjoni dwar il-kriterji rilevanti. Il-Kummissjoni rċeviet kummenti mingħand l-applikant, Zhejiang Jndia u mingħand is-CCCMC. L-applikant qabel man-Nota dwar is-sorsi. Il-kummenti ta' Zhejiang Jndia u tas-CCCMC huma analizzati hawn taħt fit-taqsimiet rilevanti.

3.1.2.2. Valur normali

(60) Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku, "il-valur normali għandu normalment ikun ibbażat fuq il-prezzijiet imħallsa jew pagabbli, fil-kors ordinarju tal-kummerċ, minn klijenti indipendenti fil-pajjiż esportatur".

(61) Madankollu, skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, "[f]il-każ li jiġi determinat […] li mhuwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi fil-pajjiż esportatur minħabba l-eżistenza f'dak il-pajjiż ta' distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-punt (b), il-valur normali għandu jiġi kkalkolat esklużivament abbażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ li jirriflettu prezzijiet jew valuri ta' riferiment mingħajr distorsjoni", u "għandu jinkludi ammont raġonevoli u mingħajr distorsjoni għal kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali u għal profitti" ("administrative, selling and general costs" minn hawn 'il quddiem "SG&A").

(62) Kif spjegat ulterjorment hawn taħt, f'din l-investigazzjoni l-Kummissjoni kkonkludiet li, abbażi tal-evidenza disponibbli, u fid-dawl tan-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-GTĊ u tal-produtturi esportaturi, l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku kienet xierqa.

3.1.2.2.1. *Eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti*

(63) F'investigazzjonijiet reċenti dwar is-settur tal-azzar fir-RPĊ ([18]), il-Kummissjoni sabet li kien hemm distorsjonijiet sinifikanti skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku.

(64) F'dawk l-investigazzjonijiet, il-Kummissjoni sabet li hemm intervent sostanzjali mill-gvern fir-RPĊ u li dan jirriżulta f'distorsjoni tal-allokazzjoni effettiva tar-riżorsi f'konformità mal-prinċipji tas-suq ([19]). B'mod partikolari, il-Kummissjoni kkonkludiet li fis-settur tal-azzar, li huwa l-materja prima ewlenija għall-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami, mhux biss għad hemm grad sostanzjali ta' sjieda mill-GTĊ fis-sens tal-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku ([20]), iżda l-GTĊ huwa wkoll f'pożizzjoni li jinterferixxi mal-prezzijiet u mal-kostijiet permezz tal-preżenza tal-Istat fid-ditti fis-sens tat-tieni inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku ([21]). Il-Kummissjoni sabet ukoll li l-preżenza u l-intervent tal-Istat fis-swieq finanzjarji, kif ukoll fil-provvista tal-materja prima u tal-inputs, iħallu effett ta' distorsjoni addizzjonali fuq is-suq. Tabilħaqq, b'mod ġenerali, is-sistema tal-ippjanar fir-RPĊ tirriżulta f'konċentrazzjoni tar-riżorsi f'setturi ddeżinjati bħala strateġiċi jew inkella bħala politikament importanti mill-GTĊ, aktar milli fl-allokazzjoni tagħhom f'konformità mal-forzi tas-suq ([22]). Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-liġijiet Ċiniżi dwar il-falliment u l-proprjetà ma jaħdmux kif suppost fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), ir-raba' inċiż, tar-Regolament bażiku, u b'hekk jiġu ġġenerati distorsjonijiet b'mod partikolari meta jiġu miżmuma

([18]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/802 tal-20 ta' Mejju 2022 li jimponi dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-azzar miksija bil-kromu elettroliku li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Brażil (ĠU L 143, 23.5.2022, p. 11); ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/191 tas-16 ta' Frar 2022 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti qfieli tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 36, 17.2.2022, p. 1); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/95 tal-24 ta' Jannar 2022 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti fittings ta' tubi u pajpijiet, tal-ħadid jew tal-azzar, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, kif estiż għall-importazzjonijiet ta' ċerti fittings ta' tubi u pajpijiet, tal-ħadid jew tal-azzar ikkonsenjati mit-Tajwan, mill-Indoneżja, mis-Sri Lanka u mill-Filippini, kemm jekk iddikjarati bħala li joriġinaw minn dawn il-pajjiżi kif ukoll jekk le, wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 16, 25.1.2022, p. 36); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2239 tal-15 ta' Diċembru 2021 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti torrijiet tar-riħ tal-azzar fuq skala utilitarja li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 450, 16.12.2021, p. 59); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/635 tas-16 ta' April 2021 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi wweldjati tal-ħadid jew tal-azzar bil-karbonju li joriġinaw mill-Belarussja, mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mir-Russja wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 132, 19.4.2021, p. 145).

([19]) Ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/802 il-premessa 75, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/191 il-premessa 208, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/95 il-premessa 59, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2239 il-premessi 67-74, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/635 il-premessi 149-150.

([20]) Ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/802 il-premessi 49-50, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/191 il-premessa 192, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/95 il-premessa 46, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2239 il-premessi 67-74, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/635 il-premessi 115-118.

([21]) Ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/802 il-premessi 51-52, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/191 il-premessi 193-4, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/95 il-premessa 47, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2239 il-premessi 67-74, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/635 il-premessi 119-122. Filwaqt li d-dritt għall-ħatra u għat-tneħħija ta' persunal ewlieni tal-maniġment fl-SOEs mill-awtoritajiet rilevanti tal-Istat, kif previst fil-leġiżlazzjoni Ċiniża, jista' jitqies li jirrifletti d-drittijiet ta' sjieda korrispondenti, iċ-ċelloli tas-CCP fl-intraprizi, kemm dawk tal-Istat kif ukoll dawk privati, jirrappreżentaw kanal importanti ieħor li permezz tiegħu l-Istat jista' jinterferixxi fid-deċiżjonijiet kummerċjali. Skont il-liġi tal-kumpaniji tar-RPĊ, f'kull kumpanija għandha tiġi stabbilita organizzazzjoni tas-CCP (li jkollha mill-inqas tliet membri tas-CCP kif speċifikat fil-Kostituzzjoni tas-CCP) u l-kumpanija għandha tipprovdi l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-attivitajiet tal-organizzazzjoni tal-partit. Fil-passat, dan ir-rekwiżit jidher li mhux dejjem ġie segwit jew infurzat b'mod strett. Madankollu, minn tal-anqas l-2016, is-CCP saħħaħ il-pretensjonijiet tiegħu ta' kontroll fuq id-deċiżjonijiet kummerċjali fl-SOEs bħala kwistjoni ta' prinċipju politiku. Huwa rapportat ukoll li s-CCP jeżerċita pressjoni fuq il-kumpaniji privati biex ipoġġu l-"patrijottiżmu" l-ewwel u qabel kollox u biex isegwu d-dixxiplina tal-partit. Fl-2017, ġie rrapportat li kienu jeżistu ċelloli tal-partit f'70 % ta' madwar 1,86 miljun kumpanija privata, u dan irriżulta fi pressjoni dejjem akbar biex l-organizzazzjonijiet tas-CCP ikollhom l-aħħar kelma fuq id-deċiżjonijiet kummerċjali fil-kumpaniji rispettivi tagħhom. Dawn ir-regoli għandhom applikazzjoni ġenerali fl-ekonomija Ċiniża kollha, fost is-setturi kollha, inkluż għall-produtturi tal-prodott taħt rieżami u għall-fornituri tal-inputs tagħhom.

([22]) Ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/802 il-premessi 53-58, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/191 il-premessi 195-201, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/95 il-premessi 48-52, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2239 il-premessi 67-74, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/635 il-premessi 123-129.

ħajjin ditti insolventi kif ukoll meta jiġu allokati d-drittijiet għall-użu tal-art fir-RPĊ ([23]). Bl-istess mod, il-Kummissjoni sabet distorsjonijiet tal-kostijiet tal-pagi fis-settur tal-azzar fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), il-ħames inċiż, tar-Regolament bażiku ([24]), kif ukoll distorsjonijiet fis-swieq finanzjarji fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), is-sitt inċiż, tar-Regolament bażiku, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għall-kapital għall-atturi korporattivi fir-RPĊ ([25]).

(65) Bħal fl-investigazzjonijiet preċedenti rigward is-settur tal-azzar fir-RPĊ, f'din l-investigazzjoni l-Kummissjoni eżaminat jekk kienx xieraq jew le li jintużaw il-prezzijiet u l-kostijiet domestiċi fir-RPĊ, minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a), il-punt (b), tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni għamlet dan abbażi tal-evidenza disponibbli fil-fajl, inkluża l-evidenza li tinsab fit-talba, kif ukoll fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar Distorsjonijiet Sinifikanti fl-Ekonomija tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-Finijiet tal-Investigazzjonijiet għad-Difiża tal-Kummerċ ([26]) ("ir-Rapport"), li jibbaża fuq sorsi disponibbli għall-pubbliku. Dik l-analiżi kopriet l-eżami tal-interventi sostanzjali tal-gvern fl-ekonomija tar-RPĊ b'mod ġenerali, iżda wkoll is-sitwazzjoni speċifika tas-suq fis-settur rilevanti inkluż il-prodott taħt rieżami. Il-Kummissjoni kompliet tissupplimenta dawn l-elementi evidenzjarji bir-riċerka tagħha stess dwar id-diversi kriterji rilevanti biex tikkonferma l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fir-RPĊ, kif misjub ukoll mill-investigazzjonijiet preċedenti tagħha f'dan ir-rigward.

(66) It-talba allegat li l-Istat Ċiniż iħaddem politika ekonomika intervenzjonista sabiex jilħaq l-għanijiet tiegħu, li jikkoinċidu mal-aġenda politika stabbilita mill-Partit Komunista Ċiniż ("CCP") minflok ma jirriflettu l-kundizzjonijiet ekonomiċi prevalenti f'suq ħieles. It-talba indikat f'dan ir-rigward mhux biss id-distorsjonijiet fis-suq tal-azzar li ma jsaddadx (l-azzar li ma jsaddadx jirrappreżenta madwar 50 % tal-kost tal-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami) iżda sostniet li l-fatturi l-oħrajn kollha tal-produzzjoni – l-art, il-kapital, il-manodopera – huma distorti bl-istess mod. Bħala konsegwenza, it-talba kkonkludiet li mhux biss il-prezzijiet tal-bejgħ domestiku tal-azzar li ma jsaddadx ma humiex xierqa għall-użu skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, iżda l-kostijiet kollha tal-input inklużi l-materja prima, l-enerġija, l-art, il-finanzjament jew il-manodopera huma wkoll affettwati minħabba li l-formazzjoni tal-prezzijiet tagħhom hija affettwata minn intervent sostanzjali tal-gvern.

(67) Sabiex tappoġġa l-pożizzjoni tagħha, it-talba rreferiet għal għadd ta' sorsi ta' informazzjoni disponibbli għall-pubbliku, bħar-Rapport, il-konklużjonijiet milħuqa mill-EUCCC ([27]), l-investigazzjonijiet reċenti tal-Kummissjoni tas-settur tal-azzar Ċiniż ([28]) kif ukoll l-investigazzjonijiet tad-difiża tal-kummerċ tal-awtoritajiet rilevanti fil-Kanada u fl-Awstralja, ([29]) jew il-konklużjonijiet tal-Forum Globali tal-G20 dwar il-Kapaċità Żejda tal-Azzar ([30]).

([23]) Ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/802 il-premessa 59, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/191 il-premessa 202, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/95 il-premessa 53, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2239 il-premessi 67-74, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/635 il-premessi 130-133.

([24]) Ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/802 il-premessa 60, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/191 il-premessa 203, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/95 il-premessa 54, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2239 il-premessi 67-74, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/635 il-premessi 134-135.

([25]) Ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/802 il-premessi 61-62, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/191 il-premess 204, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/95 il-premessa 55, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2239 il-premessi 67-74, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/635 il-premessi 136-145.

([26]) Id-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni SWD(2017) 483 final/2, 20. 12. 2017, disponibbli fuq: https://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2017/december/tradoc_156474.pdf

([27]) Il-Kamra tal-Kummerċ tal-Unjoni Ewropea fiċ-Ċina, Overcapacity in China: an impediment to the Party's reform agenda, disponibbli fuq: Overcapacity in China (europeanchamber.com.cn) (aċċessat fis-7 ta' Settembru 2022).

([28]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/635 tas-16 ta' April 2021 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi wweldjati tal-ħadid jew tal-azzar bil-karbonju li joriġinaw mill-Belarussja, mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mir-Russja wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 132, 19.4.2021, p. 145), u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/508 tas-7 ta' April 2020 li jimponi dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pjanċi u kojls tal-azzar inossidabbli llaminati bis-sħana li joriġinaw mill-Indonesja, mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mit-Tajwan (ĠU L 110, 8.4.2020, p. 3).

([29]) Id-determinazzjonijiet finali fir-rigward tad-dumping u s-sussidjar ta' Ċertu Metall tas-Siliċju li joriġina jew esportat mir-RPĊ (CBSA, Numru tal-każ tad-dumping: AD/1400), Rapport nru. 543, Investigazzjoni dwar il-kontinwazzjoni tal-miżuri anti-dumping u kumpensatorji li japplikaw għall-estrużjonijiet tal-aluminju esportati lejn l-Awstralja mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, l-14 ta' Settembru 2020.

([30]) Il-Forum Globali dwar il-kapaċità żejda tal-azzar, Rapport Ministerjali, l-20 ta' Settembru 2018.

(68) Fuq din il-bażi, it-talba enfasizzat li:

— is-CCP fassal u implimenta l-mudell tal-ekonomija tas-suq soċjalista taċ-Ċina. F'dak il-mudell, l-azzjonijiet tal-intrapriżi Ċiniżi li jipproduċu l-azzar ma humiex iddeterminati minn kunsiderazzjonijiet kummerċjali tas-suq. Minflok, l-Istat/CCP jikkontrolla l-allokazzjoni tar-riżorsi biex jintlaħqu l-objettivi ġenerali tas-CCP u tal-Istat li huma stabbiliti fil-pjanijiet ta' 5 snin ("FYPs"). Il-konformità mal-FYPs, bħall-Pjan ta' Aġġustament u ta' Aġġornament tal-Industrija tal-Azzar tat-13-il ċiklu ta' ppjanar, hija l-kejl tas-suċċess għall-intrapriżi fiċ-Ċina aktar milli l-miżuri tradizzjonali ta' suċċess kummerċjali f'ekonomija tas-suq;

— l-Assoċjazzjoni Ċiniża tal-Ħadid u l-Azzar tassisti lill-intrapriżi fl-iffissar tal-prezzijiet u fil-koordinazzjoni tal-produzzjoni. L-intrapriżi tal-Istat huma eżentati mill-applikazzjoni tal-liġi tal-kompetizzjoni u, f'konformità mal-Pjan ta' Aġġustament u ta' Aġġornament tal-Industrija tal-Azzar għall-2016-2020, "*il-kompetizzjoni distruttiva għandha tiġi evitata*" u "*jenħtieġ li jiġi evitat li bosta kumpaniji jibdew jaġixxu u jinvolvu ruħhom f'kompetizzjoni diżordnata*". Konsegwentement, skont it-talba, il-kontroll ġenerali tal-gvern jipprevjeni lill-forzi tas-suq ħieles milli jipprevalu fis-settur tal-azzar fiċ-Ċina, mhux l-anqas fir-rigward tal-kwistjoni tal-kapaċità żejda li ma ġietx indirizzata sal-lum;

— il-kostijiet tal-materja prima u tal-enerġija fir-RPĊ ma humiex ir-riżultat ta' forzi tas-suq ħieles minħabba li huma affettwati minn interventi sostanzjali min-naħa tal-gvern; jeżistu wkoll distorsjonijiet sistemiċi sinifikanti fir-rigward tal-aċċess għall-kapital, għall-art u għax-xogħol;

(69) Kif huwa indikat fil-premessa (52), il-GTĊ la kkummenta u lanqas ma pprovda evidenza li tappoġġa jew li tirribatti l-evidenza eżistenti fil-fajl tal-każ, inkluż ir-Rapport u l-evidenza addizzjonali li ġiet ipprovduta mill-applikant, dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti u/jew dwar l-adegwatezza tal-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku fil-każ inkwistjoni.

(70) Speċifikament fis-settur tal-prodott taħt rieżami, jiġifieri s-settur tal-azzar, għad hemm livell sostanzjali ta' sjieda mill-GTĊ. Filwaqt li l-qasma nominali bejn l-għadd ta' intrapriżi tal-Istat ("SOEs") u kumpaniji privati hija stmata li hija kważi ugwali, erbgħa mill-ħames produtturi tal-azzar Ċiniżi kklassifikati mal-ewwel 10 tal-akbar produtturi tal-azzar fid-dinja huma SOEs ([31]). Fl-istess ħin, filwaqt li fl-2016 l-ewwel 10 produtturi kienu jirrappreżentaw biss madwar 36 % tal-output totali tal-industrija, il-GTĊ stabbilixxa l-mira fl-istess sena li jikkonsolida bejn 60 % u 70 % tal-produzzjoni tal-azzar f'madwar 10 intrapriżi fuq skala kbira sal-2025 ([32]). Din l-intenzjoni ġiet ripetuta mill-GTĊ f'April 2019, meta dan ħabbar il-ħruġ ta' linji gwida dwar il-konsolidazzjoni tal-industrija tal-azzar ([33]). Tali konsolidazzjoni tista' tinvolvi fużjonijiet furzati ta' kumpaniji privati profittabbli ma' SOEs bi prestazzjoni batuta ([34]). Peress li ma kienx hemm kooperazzjoni mill-esportaturi Ċiniżi tal-prodott taħt rieżami, il-proporzjon eżatt tal-produtturi privati u tal-Istat ma setax jiġi ddeterminat. Madankollu, filwaqt li jista' ma jkunx hemm informazzjoni speċifika disponibbli għall-prodott taħt rieżami, is-settur jirrappreżenta sottosettur tal-industrija tal-azzar u s-sejbiet li jikkonċernaw is-settur tal-azzar huma għalhekk meqjusa bħala indikattivi wkoll għall-prodott taħt rieżami.

(71) L-aktar dokumenti ta' politika Ċiniżi reċenti dwar is-settur tal-azzar jikkonfermaw l-importanza kontinwa li l-GTĊ jattribwixxi għas-settur, inkluża l-intenzjoni li jintervjeni fis-settur sabiex jifformah f'konformità mal-politiki tal-gvern. Jingħata eżempju ta' dan fl-abbozz ta' Opinjoni Gwida tal-Ministeru tal-Industrija u t-Teknoloġija tal-Informazzjoni dwar it-Trawwim ta' Żvilupp ta' Kwalità Għolja tal-Industrija tal-Azzar li titlob aktar konsolidazzjoni tal-pedament industrijali u titjib sinifikanti fil-livell tal-modernizzazzjoni tal-katina industrijali ([35]), jew mill-14-il Pjan ta' 5 Snin dwar l-Iżvilupp tal-Industrija tal-Materja Prima li jgħid li s-settur se "*jaderixxi mal-kombinazzjoni tat-tmexxija tas-suq u l-promozzjoni tal-gvern*" u se "*jikkultiva grupp ta' kumpaniji ewlenin bi tmexxija ekoloġika u b'kompetittività ewlenija*" ([36]). Eżempji simili tal-intenzjoni mill-awtoritajiet Ċiniżi li jwettqu superviżjoni u jiggwidaw

([31]) Ir-Rapport – Il-Kapitolu 14, p. 358: 51 % kumpaniji privati u 49 % SOEs f'termini ta' produzzjoni u 44 % SOEs u 56 % kumpaniji privati f'termini ta' kapaċità.

([32]) Disponibbli fuq: www.gov.cn/zhengce/content/2016-02/04/content_5039353.htm; https://policycn.com/policy_ticker/higher-expectations-for-large-scale-steel-enterprise/?iframe=1&secret=c8uthafuthefra4e, u www.xinhuanet.com/english/2019-04/23/c_138001574.htm (aċċessat fis-7 ta' Settembru 2022).

([33]) Disponibbli fuq http://www.jjckb.cn/2019-04/23/c_137999653.htm (aċċessat fis-7 ta' Settembru 2022).

([34]) Kif kien il-każ fil-maġġoranza akkwiżita tal-ishma ta' China Baowu Steel Group f'Magang Steel f'Ġunju 2019, ara https://www.ft.com/content/a7c93fae-85bc-11e9-a028-86cea8523dc2 (aċċessat fl-4 ta' Awwissu 2022).

([35]) Ara: https://www.miit.gov.cn/gzcy/yjzj/art/2020/art_af1bef04b9624997956b2bff6cdb7383.html (aċċessat fis-7 ta' Settembru 2022).

([36]) Ara t-Taqsima IV, is-Sottotaqsima 3 tal-Pjan, disponibbli fuq: https://www.miit.gov.cn/zwgk/zcwj/wjfb/tz/art/2021/art_2960538d19e34c66a5eb8d01b74cbb20.html (aċċessat fis-7 ta' Settembru 2022).

l-iżviluppi tas-settur jistgħu jiġu osservati fil-livell provinċjali, bħal f'Shandong, li mhux biss jipprevedi *"l-bini ta' ekoloġija tal-industrija tal-azzar* […], *l-istabbiliment ta' parks tal-manifattura, l-estensjoni tal-katina industrijali u l-ħolqien ta' raggruppamenti industrijali, iżda jridu li l-industrija tal-azzar tipprovdi dimostrazzjoni għat-trasformazzjoni u l-aġġornament* […] *fil-provinċja tagħhom u anke fil-pajjiż kollu*" ([37]).

(72) Fir-rigward tal-fatt li l-GTC huwa f'pożizzjoni li jinterferixxi fil-prezzijiet u fil-kostijiet permezz tal-preżenza tal-Istat fid-ditti fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), it-tieni inċiż tar-Regolament bażiku, minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni min-naħa tal-produtturi esportaturi, kien impossibbli li tiġi stabbilita b'mod sistematiku l-eżistenza ta' konnessjonijiet personali bejn il-produtturi tal-prodott taħt rieżami u s-CCP. Minħabba li l-prodott taħt rieżami jirrappreżenta sottosettur tas-settur tal-azzar, l-informazzjoni disponibbli fir-rigward tal-produtturi tal-azzar hija rilevanti wkoll għall-prodott taħt rieżami. Sabiex jingħata eżempju speċifiku, il-President tal-Bord tad-Diretturi ta' Baowu jservi fl-istess ħin bħala Segretarju tal-Kumitat tal-Partit bil-Maniġer Ġenerali jservi wkoll bħala Viċi Segretarju tal-Kumitat tal-Partit ([38]). Bl-istess mod, il-President tal-Bord tad-Diretturi ta' Baosteel jokkupa l-pożizzjoni ta' segretarju tal-Kumitat tal-Partit, filwaqt li l-Maniġer Eżekuttiv huwa l-Viċi Segretarju tal-Kumitat tal-Partit ([39]). B'mod aktar ġenerali, fid-dawl tal-applikabbiltà ġenerali tal-leġiżlazzjoni dwar il-preżenza tas-CCP fil-kumpaniji, ma jistax jiġi preżunt li l-kapaċità tal-GTĊ li jinterferixxi fil-prezzijiet u fil-kostijiet permezz tal-preżenza tal-Istat fid-ditti tkun differenti fir-rigward tal-prodott taħt rieżami meta mqabbla mas-settur tal-azzar b'mod ġenerali.

(73) Kemm l-intrapriżi pubbliċi kif ukoll dawk privati fis-settur tal-fittings tat-tubi u tal-pajpijiet huma soġġetti għal superviżjoni u għal gwida tal-politika. L-eżempji li ġejjin juru x-xejra msemmija hawn fuq ta' livell ta' intervent mill-GTĊ, li qiegħed jiżdied, fis-settur tal-prodott taħt rieżami. Il-produtturi tal-fittings tat-tubi jew tal-pajpijiet jenfasizzaw attivitajiet ta' bini tal-Partit fid-dokumenti korporattivi tagħhom, bħal pereżempju Zhejiang Good Fittings Co., Ltd li fir-rapport dwar ir-responsabbiltà soċjali korporattiva tagħha tqis il-bini tas-CCP bħala azzjoni meħuda biex tiġi żviluppata l-kultura soċjali korporattiva ([40]): L-interferenza tas-CCP tista' tiġi osservata wkoll fil-livell ta' assoċjazzjonijiet tal-industrija reġjonali, pereżempju l-assoċjazzjoni tal-industrija tat-tubi ta' Shanghai ([41]). Kif ġie rrapportat fuq is-sit web tal-assoċjazzjoni fl-2019: *"F'waranofsinhar tas-17 ta' April,* [...] *Il-Viċi Segretarju tal-Kumitat tal-Partit tal-Federazzjoni tal-Industrija u tal-Ekonomija ta' Shanghai, u l-persunal rilevanti mill-Uffiċċju tal-Kumitat tal-Partit żaru l-assoċjazzjoni biex jinvestigaw il-bini tal-partit u l-ħidma tal-assoċjazzjoni* [...] *Imbagħad, il-President* [tal-assoċjazzjoni] *irrapporta għand is-Segretarju* [tas-CCP] [...] *dwar il-ħidma ta' bini tal-partit tal-assoċjazzjoni. Il-President [tal-assoċjazzjoni] qal li l-bini tal-partit tal-assoċjazzjoni jiffoka fuq żewġ livelli. Minn naħa waħda, fil-livell vertikali, jiġifieri fuq l-istabbiliment tal-fergħa tal-partit tal-assoċjazzjoni.* […]. *L-iżvilupp tan-numru ta' membri ġodda tal-partit kiseb riżultati inizjali. It-tieni wieħed jinsab fil-livell orizzontali, sabiex isir xogħol tajjeb tal-bini tal-partit fil-livell tad-diretturi. F'dawn l-aħħar snin, l-uffiċċju tal-president tal-assoċjazzjoni, flimkien mal-Bord tad-Diretturi organizzaw skambji biex jistudjaw l-ispirtu tal-gvern ċentrali* [u], *iwasslu r-rekwiżiti tal-kumitat tal-partit Muniċipali għall-bini tal-partit"* ([42]). B'mod simili, skont ir-rapport reċenti tal-assoċjazzjoni: *"Fl-2021, il-fergħa tal-partit tal-assoċjazzjoni ġiet ittrasferita lill-kumitat tal-partit tal-Federazzjoni Muniċipali tal-Industrija u l-Ekonomija. L-assoċjazzjoni għandha tieħu l-inizjattiva li taċċetta t-tmexxija u l-gwida tal-Federazzjoni tal-Industrija u l-Ekonomija, kemm f'termini ta' ħidma relatata mal-partit kif ukoll mal-gvern. Wara li l-President* [tal-federazzjoni] *mar l-assoċjazzjoni biex jinvestiga u jiggwida x-xogħol is-sena l-oħra, l-assoċjazzjoni żiedet l-intensità tax-xogħol konġunt, u użatu biex tmexxi l-progress teknoloġiku u l-iżvilupp innovattiv tal-unitajiet membri, filwaqt li rrealizzat l-iżvilupp ta' benefiċċju reċiproku tal-membri u tal-assoċjazzjoni."* ([43])

(74) Barra minn hekk, fis-settur tal-prodott taħt rieżami jeżistu politiki li jiddiskriminaw favur il-produtturi domestiċi jew li b'xi mod ieħor jinfluwenzaw is-suq fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), it-tielet inċiż tar-Regolament bażiku. Minkejja li matul l-investigazzjoni ma seta' jiġi identifikat l-ebda dokument ta' politika li jiggwida speċifikament l-iżvilupp tal-industrija tat-tagħmir tat-tubi jew tal-pajpijiet bħala tali, l-industrija tibbenefika minn gwida u intervent governattivi fis-settur tal-azzar, billi l-prodott taħt rieżami jirrappreżenta wieħed mis-sottosetturi tiegħu.

([37]) Ara l-14-il Pjan ta' 5 Snin dwar l-iżvilupp tal-Industrija tal-Azzar, Daħla.
([38]) Ara s-sit web tal-grupp, disponibbli fuq: http://www.baowugroup.com/about/board_of_directors (aċċessat fis-7 ta' Settembru 2022).
([39]) Ara s-sit web tal-kumpanija, disponibbli fuq: https://www.baosteel.com/about/manager (aċċessat fis-7 ta' Settembru 2022).
([40]) Ara fuq: www.goodfittings.cn/newsview.asp?id=21 (aċċessat fis-7 ta' Settembru 2022).
([41]) Ara fuq: http://www.gghy.org/ (aċċessat fl-24 ta' Novembru 2022).
([42]) Ara fuq: http://www.gghy.org/members/shownews.php?id=11744&lang=cn (aċċessat fl-24 ta' Novembru 2022).
([43]) Ara fuq: http://www.gghy.org/newslist/shownews.php?id=12987&lang=cn (aċċessat fl-24 ta' Novembru 2022).

(75) L-industrija tal-azzar tibqa' titqies bħala industrija essenzjali mill-GTĊ ([44]). Dan huwa kkonfermat fil-bosta pjanijiet, direttivi u dokumenti oħrajn iffokati fuq l-azzar, li jinħarġu fil-livell nazzjonali, reġjonali u muniċipali. Skont l-14-il Pjan ta' 5 Snin adottat f'Marzu 2021, il-GTĊ għażel lill-industrija tal-azzar għat-trasformazzjoni u għall-aġġornament, kif ukoll għall-ottimizzazzjoni u għall-aġġustament strutturali ([45]). B'mod simili, l-14-il Pjan ta' 5 Snin dwar l-Iżvilupp tal-Industrija tal-Materja Prima, applikabbli wkoll għall-industrija tal-azzar, jelenka lis-settur bħala l-"*pedament tal-ekonomija reali*" u "*qasam ewlieni li jifforma l-vantaġġ kompetittiv internazzjonali taċ-Ċina*" u jindika għadd ta' objettivi u metodi ta' ħidma li jixprunaw l-iżvilupp tas-settur tal-azzar fil-perjodu ta' żmien mill-2021 sal-2025, bħal aġġornament teknoloġiku, it-titjib tal-istruttura tas-settur (mhux l-anqas permezz ta' aktar konċentrazzjonijiet korporattivi) jew it-trasformazzjoni diġitali ([46]). Barra minn hekk, il-Katalgu ta' Gwida għar-Ristrutturar tal-Industrija (il-Verżjoni tal-2019) ([47]) jelenka l-azzar bħala industrija mħeġġa. Fil-qosor, il-GTĊ għandu miżuri stabbiliti sabiex iħeġġeġ lill-operaturi jikkonformaw mal-objettivi tal-politika pubblika li jappoġġaw lill-industriji mħeġġa, inkluża l-produzzjoni tal-materja prima ewlenija li tintuża fil-manifattura tal-prodott taħt rieżami. Dawn il-miżuri jimpedixxu l-forzi tas-suq milli joperaw b'mod ħieles.

(76) L-investigazzjoni attwali ma żvelat l-ebda evidenza li l-applikazzjoni diskriminatorja jew l-infurzar inadegwat tal-liġijiet dwar il-falliment u tal-proprjetà skont l-Artikolu 2(6a)(b), ir-raba' inċiż, tar-Regolament bażiku fis-settur tat-tagħmir tat-tubi jew tal-pajpijiet imsemmi hawn fuq fil-premessa (64) ma taffettwax il-manifatturi tal-prodott taħt rieżami.

(77) Is-settur tat-tagħmir tat-tubi u tal-pajpijiet huwa affettwat ukoll mid-distorsjonijiet tal-kostijiet tal-pagi fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), il-ħames inċiż, tar-Regolament bażiku, kif imsemmi wkoll hawn fuq fil-premessa (64). Dawk id-distorsjonijiet jaffettwaw lis-settur kemm direttament (waqt il-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami jew tal-inputs ewlenin), kif ukoll indirettament (waqt li jkun hemm aċċess għall-inputs minn kumpaniji soġġetti għall-istess sistema ta' xogħol fir-RPĊ) ([48]).

(78) Barra minn hekk, ma tressqet l-ebda evidenza fl-investigazzjoni attwali li turi li s-settur tal-prodott taħt rieżami ma huwiex affettwat mill-intervent tal-gvern fis-sistema finanzjarja fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), is-sitt inċiż, tar-Regolament bażiku, kif imsemmi wkoll hawn fuq fil-premessa (64). Għalhekk, l-intervent sostanzjali tal-gvern fis-sistema finanzjarja jwassal biex il-kundizzjonijiet tas-suq jiġu affettwati b'mod serju fil-livelli kollha.

(79) Fl-aħħar, il-Kummissjoni tfakkar li sabiex jiġi mmanifatturat il-prodott taħt rieżami, huma meħtieġa għadd ta' inputs. Meta l-produtturi tat-tagħmir tat-tubi jew tal-pajpijiet jixtru/jikkuntrattaw dawn l-inputs, il-prezzijiet li jħallsu (u li huma rreġistrati bħala l-kostijiet tagħhom) huma evidentement esposti għall-istess distorsjonijiet sistemiċi msemmija qabel. Pereżempju, il-fornituri tal-inputs iħaddmu manodopera li tkun soġġetta għad-distorsjonijiet. Huma jistgħu jissellfu flus li huma soġġetti għad-distorsjonijiet fis-settur finanzjarju/fl-allokazzjoni tal-kapital. Barra minn hekk, huma soġġetti għas-sistema ta' ppjanar li tapplika fil-livelli kollha tal-gvern u tas-setturi.

(80) B'konsegwenza ta' dan, mhux biss il-prezzijiet tal-bejgħ domestiku tat-SSTPF ma humiex xierqa għall-użu fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, iżda l-kostijiet tal-inputs kollha (inklużi l-materja prima, l-enerġija, l-art, il-finanzjament, il-manodopera, eċċ.) huma wkoll affettwati minħabba li l-formazzjoni tal-prezzijiet tagħhom hija affettwata minn intervent sostanzjali min-naħa tal-gvern, kif deskritt fil-Partijiet I u II tar-Rapport. Tabilħaqq, l-interventi tal-gvern deskritti fir-rigward tal-allokazzjoni tal-kapital, tal-art, tal-manodopera, tal-enerġija u tal-materja prima huma preżenti fir-RPĊ kollha. Dan ifisser, pereżempju, li input li minnu nnifsu kien prodott fir-RPĊ permezz tat-taħlita ta' firxa ta' fatturi tal-produzzjoni huwa espost għal distorsjonijiet sinifikanti. L-istess japplika għall-input tal-input u l-bqija.

([44]) Ir-Rapport, il-Parti III, il-Kapitolu 14, p. 346 ff.

([45]) Ara l-14-il Pjan ta' 5 Snin tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali Nazzjonali u l-Objettivi fit-Tul għall-2035, il-Parti III, l-Artikolu VIII, disponibbli fuq: https://cset.georgetown.edu/publication/china-14th-five-year-plan/ (aċċessat fis-7 ta' Settembru 2022).

([46]) Ara b'mod partikolari t-Taqsimiet I u II tal-Pjan.

([47]) "Katalgu ta' Gwida għar-Ristrutturar tal-Industrija" (il-Verżjoni tal-2019), approvat bid-Digriet tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Iżvilupp u r-Riforma tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina Nru 29 tas-27 ta' Awwissu 2019; disponibbli fuq: http://www.gov.cn/xinwen/2019-11/06/5449193/files/26c9d25f713f4ed5b8dc51ae40ef37af.pdf (aċċessat fis-7 ta' Settembru 2022).

([48]) Ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/635, il-premessi 134-135 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/508, il-premessi 143-144.

(81) Il-GTĊ ma ppreżenta l-ebda evidenza jew argument kuntrarju. Madankollu, fid-9 ta' Marzu 2022, fis-sottomissjonijiet tagħhom rigward il-bidu tal-investigazzjoni, Zhejiang Jndia u s-CCCMC ippreżentaw sett parallel ta' kummenti, fejn argumentaw li, l-ewwel nett, l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku huwa inkompatibbli mad-WTO u, it-tieni, li fi kwalunkwe każ, ma teżisti l-ebda distorsjoni sinifikanti fis-settur tal-azzar fiċ-Ċina. Iż-żewġ partijiet tennew il-fehmiet tagħhom fil-kummenti tagħhom tas-7 ta' Lulju 2022, sottomessi bi tweġiba għan-Nota dwar is-sorsi.

(82) Aktar speċifikament, fir-rigward tal-ewwel argument, il-partijiet ħadu l-pożizzjoni li l-Ftehim tad-WTO dwar l-Anti-Dumping ("ADA") ma jirrikonoxxix il-kunċett ta' distorsjonijiet sinifikanti fl-Artikolu 2.2 tal-ADA, li jippermetti biss li jinħadem il-valur normali jekk ma jkunx hemm bejgħ tul il-perkors ordinarju tal-kummerċ jew fil-każ tas-sitwazzjoni ta' suq partikolari. Il-partijiet osservaw li l-kunċett ta' distorsjonijiet sinifikanti ma jaqa' taħt l-ebda waħda minn dawk il-kategoriji li jippermettu li jinħadem il-valur normali. Għalhekk, fil-fehma tal-partijiet, l-UE introduċiet kunċett li ma jeżistix fil-liġi tad-WTO. F'dan ir-rigward, il-partijiet irreferew għat-tħassib li tqajjem ukoll minn membri oħrajn tad-WTO, b'mod partikolari għall-kawża (DS494) *EU - Cost Adjustment Methodologies II (Russia)* . Konsegwentement, il-partijiet qiesu li l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku hija inkonsistenti mad-WTO.

(83) Fir-rigward tat-tieni argument, il-partijiet indikaw l-allegat nuqqas ta' evidenza fir-rigward tad-distorsjonijiet sinifikanti. Skont il-partijiet, ir-Rapport li użaw l-Applikant u l-Kummissjoni ma huwiex oġġettiv u huwa skadut. Barra minn hekk, l-użu tar-Rapport bħala bażi għal konklużjoni ta' distorsjonijiet sinifikanti kkawża, skont il-partijiet, raġunament ċirkolari. Barra minn hekk, il-partijiet indikaw li mhux il-kumpaniji kollha fis-settur huma proprjetà tal-Istat u li anke dawk ikkontrollati mill-gvern b'xi mod xorta joperaw fis-suq ħieles. F'dan ir-rigward, il-partijiet irreferew għall-Artikolu 6 tal-Liġi tar-RPĊ dwar l-Assi tal-Istat fl-Intrapriżi ("il-Liġi Ċiniża dwar l-SOE") li jipprevedi s-separazzjoni bejn il-gvern u l-intrapriżi. Il-partijiet ikkontestaw ukoll il-fatt li l-liġijiet dwar il-falliment u l-proprjetà taċ-Ċina huma relatati ma' din l-investigazzjoni, filwaqt li, fir-rigward tat-13-il FYP għar-Riżorsi Minerali, il-partijiet affermaw li din hija biss linja gwida mingħajr effett vinkolanti.

(84) Il-Kummissjoni ċaħdet dawn l-affermazzjonijiet. Fir-rigward tal-ewwel argument, il-Kummissjoni qieset li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku huma kompletament konsistenti mal-obbligi tad-WTO tal-Unjoni Ewropea. Il-fatt li l-kunċett ta' "distorsjonijiet sinifikanti" ma jintużax espliċitament fl-ADA tad-WTO ma jirrestrinġix l-użu ta' dak il-kunċett mill-Unjoni. L-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti tagħmel il-kostijiet u l-prezzijiet fil-pajjiż esportatur mhux xierqa biex jinħadem il-valur normali. F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-Artikolu 2(6a) jipprevedi li jinħadmu l-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ abbażi ta' prezzijiet jew valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni, inkluż dawk f'pajjiż rappreżentattiv xieraq b'livell simili ta' żvilupp bħall-pajjiż esportatur. Fir-rigward tal-kawża DS 494, il-Kummissjoni fakkret li kemm l-UE kif ukoll il-Federazzjoni Russa appellaw is-sejbiet tal-Bord, li ma humiex finali u għalhekk, skont il-ġurisprudenza permanenti tad-WTO, ma għandhomx status ġuridiku fis-sistema tad-WTO, peress li dawn ma ġewx approvati mill-Korp tas-Soluzzjoni tat-Tilwim b'deċiżjoni tal-Membri tad-WTO. Fi kwalunkwe każ, ir-Rapport tal-Bord f'din it-tilwima qies speċifikament id-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku bħala barra l-ambitu tat-tilwima.

(85) Fir-rigward tat-tieni argument, il-Kummissjoni nnotat li r-Rapport huwa dokument komprensiv ibbażat fuq evidenza oġġettiva estensiva, inklużi leġiżlazzjoni, regolamenti u dokumenti ta' politika uffiċjali oħrajn ippubblikati mill-GTĊ, rapporti minn organizzazzjonijiet internazzjonali, studji akkademiċi u artikli minn akkademiċi, u sorsi indipendenti affidabbli oħrajn. Ilu għad-disponizzjoni tal-pubbliku minn Diċembru 2017 biex kull parti interessata jkollha biżżejjed opportunità tirribatti, tissupplimenta jew tikkummenta dwaru u dwar l-evidenza li huwa bbażat fuqha, u la l-GTĊ u lanqas partijiet oħrajn ma ppreżentaw argumenti jew evidenza li tirribatti s-sorsi inklużi fir-Rapport. Barra minn hekk, il-Kummissjoni nnotat b'mod partikolari li d-dokumenti ta' politika ewlenin u l-evidenza li jinsabu fir-Rapport, inklużi l-FYPs u l-leġiżlazzjoni rilevanti applikabbli għall-prodott taħt rieżami, li ġew sostitwiti suċċessivament bid-dokumenti korrispondenti tal-14-il ċiklu ta' ppjanar, kienu rilevanti matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(86) Fir-rigward tad-dikjarazzjoni li l-kumpaniji fiċ-Ċina, kemm jekk huma proprjetà tal-Istat kif ukoll jekk le, joperaw f'suq ħieles, il-Kummissjoni ma qablitx. Il-Kummissjoni nnotat li l-fatti u l-karatteristiċi tas-sistema Ċiniża kif deskritti hawn fuq fl-analiżi fil-premessi (63) u (64) u (70) sa (81), flimkien mal-evidenza mressqa mill-Applikant, juru li jeżistu distorsjonijiet sinifikanti fil-pajjiż kollu u fis-setturi kollha tal-ekonomija, irrispettivament mis-sjieda

tal-kumpaniji inkwistjoni. Konsegwentement, ir-referenza għall-Artikolu 6 tal-Liġi Ċiniża tal-SOE ([49]) b'appoġġ għall-argument tal-partijiet hija żbaljata. Biżżejjed li jingħad li minflok is-separazzjoni bejn il-gvern u l-intrapriżi, l-Artikolu 7 tal-Kostituzzjoni tar-RPĊ ([50]) jistipula li *"l-ekonomija tal-Istat, jiġifieri l-ekonomija soċjalista taħt sjieda mill-poplu kollu, hija l-forza ewlenija fl-ekonomija nazzjonali. L-Istat jiżgura l-konsolidazzjoni u t-tkabbir tal-ekonomija tal-Istat"*, filwaqt li l-Artikolu 7 tal-Liġi Ċiniża tal-SOE jagħti mandat lill-Istat biex *"jieħu miżuri biex jippromwovi ċ-ċentralizzazzjoni tal-kapital tal-Istat għall-industriji importanti u għall-oqsma ewlenin li għandhom piż fuq il-linja tal-ħajja ekonomika nazzjonali u s-sigurtà tal-Istat, jottimizza t-tqassim u l-istruttura tal-ekonomija tal-Istat, jippromwovi r-riforma u l-iżvilupp tal-intrapriżi tal-istat, itejjeb il-kwalità ġenerali tal-ekonomija tal-Istat, u jsaħħaħ il-forza ta' kontroll u l-influwenza tal-ekonomija tal-Istat"*. Flimkien mal-Artikolu 36 tal-Liġi Ċiniża tal-SOE, li jgħid li *"intrapriża b'investiment mill-Istat għandha tikkonforma mal-politiki industrijali nazzjonali"* dawn – u oħrajn ([51]) - fil-fatt joħolqu ambjent legali li fih separazzjoni bejn il-gvern u l-intrapriżi hija impossibbli. Il-Kummissjoni naqset ukoll milli tifhem kif il-liġijiet dwar il-falliment jew il-proprjetà, li huma applikabbli b'mod universali u li għalhekk huma soġġetti għalihom ukoll il-partijiet, ma setgħux ikunu relatati mal-investigazzjoni attwali. Il-Kummissjoni ma qablitx ukoll li t-13-il FYP għar-Riżorsi Minerali sempliċiment jirrappreżenta linja gwida mhux vinkolanti. Għall-kuntrarju, l-objettivi stabbiliti mill-istrumenti ta' ppjanar fiċ-Ċina huma ta' natura vinkolanti u l-awtoritajiet f'kull livell amministrattiv jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-pjanijiet fil-livell aktar baxx korrispondenti tal-gvern, b'hekk jidderiġu r-riżorsi lejn is-setturi dežinjati bħala strateġiċi jew inkella politikament importanti mill-gvern, minflok ma jiġu allokati f'konformità mal-forzi tas-suq ([52]).

(87) Fil-qosor, l-evidenza disponibbli wriet li l-prezzijiet jew il-kostijiet tal-prodott taħt rieżami, inklużi l-kostijiet tal-materja prima, tal-enerġija u lavorattivi, ma humiex ir-riżultat ta' forzi tas-suq ħielsa minħabba li huma affettwati minn intervent sostanzjali min-naħa tal-gvern skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku, kif muri mill-impatt reali jew potenzjali ta' wieħed jew aktar mill-elementi rilevanti elenkati fih. Abbażi ta' dan, u fin-nuqqas ta' kwalunkwe kooperazzjoni mill-GTĊ, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma huwiex xieraq li jintużaw il-prezzijiet u l-kostijiet domestiċi biex jiġi stabbilit il-valur normali f'dan il-każ. Konsegwentement, il-Kummissjoni pproċediet sabiex taħdem il-valur normali esklużivament abbażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u l-bejgħ li jirriflettu prezzijiet jew valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni, jiġifieri, f'dan il-każ, abbażi tal-kostijiet korrispondenti tal-produzzjoni u l-bejgħ f'pajjiż rappreżentattiv xieraq, f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, kif deskritt fit-taqsima li ġejja.

(88) Wara d-divulgazzjoni, Zhejiang Jndia u CCCMC tennew il-kummenti preċedenti tagħhom li l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku huwa f'kunflitt mad-WTO ADA, li ma hemm l-ebda distorsjoni sinifikanti fis-settur tal-SSTPF, li r-Rapport tal-Pajjiż tal-Kummissjoni dwar iċ-Ċina huwa skadut u li d-dokumenti ta' politika Ċiniżi ma għandhomx effett vinkolanti fuq is-suq.

(89) Kif iddikjarat fil-premessa (62), il-Kummissjoni kkonkludiet li l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku kienet iġġustifikata fid-dawl tal-evidenza disponibbli għall-Kummissjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qieset li d-dispożizzjoni tal-Artikolu 2(6a) huma konsistenti mal-obbligi tad-WTO tal-Unjoni Ewropea. Hija l-fehma tal-Kummissjoni li f'konformità mal-kjarifiki tal-Korp tal-Appell f'DS473 EU-Biodiesel (l-Arġentina), id-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku li japplikaw b'mod ġenerali fir-rigward tal-Membri kollha tad-WTO, bħall-Artikolu 2(5), it-tieni subparagrafu, jippermettu l-użu ta' *data* minn pajjiż terz, aġġustata kif xieraq meta tali aġġustament ikun meħtieġ u sostanzjat.

(90) Fir-rigward tal-affermazzjoni li r-Rapport tal-Pajjiż huwa antikwat, din ġiet koperta b'mod komprensiv fil-premessa (85). Barra minn hekk, il-Kummissjoni indikat li d-determinazzjonijiet tagħha dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku huma bbażati fuq il-korp kollu ta' evidenza disponibbli, li minnu r-Rapport jirrappreżenta element wieħed biss. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tirreferi b'mod partikolari għall-premessi (70) sa (75) li jiddeskrivu evidenza addizzjonali rilevanti f'din l-investigazzjoni.

([49]) Disponibbli fuq: http://www.lawinfochina.com/display.aspx?lib=law&id=7195&CGid (aċċessat fit-23 ta' Novembru 2022).
([50]) Disponibbli fuq: www.npc.gov.cn/zgrdw/englishnpc/Constitution/node_2825.htm (aċċessat fit-23 ta' Novembru 2022).
([51]) Ara pereżempju l-Artikolu 14 tar-Regolamenti Interim dwar is-Superviżjoni u l-Ġestjoni tal-Assi tal-Intrapriżi tal-Istat, disponibbli fuq: http://en.pkulaw.cn/display.aspx?cgid=02b98fb0efda657abdfb&lib=law (aċċessat fit-23 ta' Novembru 2022).
([52]) Ir-Rapport – il-Kapitolu 4, p. 41-42, 83.

(91) L-eżistenza tad-distorsjonijiet sinifikanti li jwasslu għall-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku mhijiex marbuta mal-eżistenza ta' informazzjoni settorjali speċifika jew informazzjoni dwar suq speċifiku li jkopri l-prodott taħt rieżami. F'dan ir-rigward, kif muri fil-premessi (63) sa (66) u fil-premessi (77) sa (80), f'din l-investigazzjoni l-Kummissjoni stabbiliet l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fl-industrija tal-SSTPF u fis-setturi tal-inputs relatati. L-użu tal-kostijiet domestiċi biex inħadem il-valur normali huwa permess mill-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku biss jekk matul l-investigazzjoni jiġi stabbilit b'mod pożittiv li dawn il-kostijiet mhumiex distorti. F'dak ir-rigward, madankollu, ma kienx hemm evidenza pożittiva li l-fatturi ta' produzzjoni tal-produtturi esportaturi individwali ma kinux soġġetti għal distorsjoni.

(92) L-ewwel nett, il-FYPs ippubblikati mill-GTĊ mhumiex biss dokumenti ta' gwida ġenerali, iżda huma ta' natura legalment vinkolanti. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni rreferiet għall-analiżi dettaljata tal-pjanijiet fil-Kapitolu 4 tar-Rapport, b'taqsima ddedikata speċifikament għan-natura vinkolanti tal-pjanijiet fit-Taqsima 4.3.1. L-14-il FYP ifakkar b'mod espliċitu lill-awtoritajiet kollha biex jimplimentaw il-pjanijiet b'mod diliġenti: *"Aħna se nsaħħu s-sistemi ta' ġestjoni tal-ippjanar bħal katalgi u listi, kompilazzjoni u arkivju, u allinjament u koordinazzjoni, niżviluppaw listi u katalogi bħall-"14 edizzjoni tal-Pjanijiet Speċjali ta' Livell Nazzjonali ta' Ħames Snin", nippromwovu arkivju tal-pjanijiet li jiddependi fuq il-pjattaforma nazzjonali ta' informazzjoni dwar il-ġestjoni integrata tal-ippjanar, u nġibu diversi pjanijiet taħt ġestjoni unifikata. Ser nistabbilixxu u ntejbu l-mekkaniżmi ta' allinjament u koordinazzjoni tal-ippjanar, nallinjaw il-pjanijiet approvati mill-Kumitat Ċentrali tas-CCP u l-Kunsill tal-Istat u l-pjanijiet ta' żvilupp provinċjali ma' dan il-pjan qabel is-sottomissjoni għall-approvazzjoni, niżguraw li l-ippjanar spazjali fil-livell nazzjonali, l-ippjanar speċjali, l-ippjanar reġjonali, u livelli oħra ta' ppjanar jiġu kkoordinati ma' dan il-pjan f'termini ta' għanijiet ewlenin, direzzjonijiet ta' żvilupp, tqassim ġenerali, politiki ewlenin, proġetti kbar, u prevenzjoni u kontroll tar-riskju."* ([53]) Barra minn hekk, l-14-il FYP dwar l-Iżvilupp tal-Industrija tal-Materja Prima jistipula li *"jeħtieġ li l-lokalitajiet kollha jtejbu lilhom infushom b'dan il-Pjan, u jinkludu l-kontenut ewlieni u l-proġetti ewlenin tiegħu fil-kompiti lokali primarji tagħhom"*, filwaqt li *"is-settur tal-azzar u setturi ewlenin oħra għandhom jiffurmulaw opinjonijiet ta' implimentazzjoni speċifiċi bbażati fuq l-objettivi u l-kompiti ta' dan il-Pjan."* ([54])

(93) Għalhekk, abbażi tal-evidenza fil-premessi (89) sa (92), il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjonijiet innotati fil-premessa (88).

3.1.2.2.2. *Pajjiż rappreżentattiv*

(94) L-għażla tal-pajjiż rappreżentattiv kienet ibbażata fuq il-kriterji li ġejjin, skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku:

— Livell ta' żvilupp ekonomiku simili għar-RPĊ. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni użat pajjiżi b'introjtu nazzjonali gross *per capita* simili għar-RPĊ abbażi tal-bażi tad-*data* tal-Bank Dinji ([55]);

— Il-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami f'dak il-pajjiż ([56]);

— Id-disponibbiltà tad-data pubblika rilevanti fil-pajjiż rappreżentattiv;

— F'każ li jkun hemm aktar minn pajjiż rappreżentattiv wieħed possibbli, jenħtieġ li tingħata preferenza, meta jkun xieraq, lill-pajjiż li jkollu livell adegwat ta' protezzjoni soċjali u ambjentali;

(95) Kif huwa spjegat fil-premessa (54), il-Kummissjoni ħarġet Nota dwar is-sorsi li ddeskriviet il-fatti u l-evidenza sottostanti għall-kriterji rilevanti, u informat lill-partijiet interessati bl-intenzjoni tagħha li tuża lit-Tajlandja bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq f'dan il-każ, jekk l-eżistenza tad-distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku tiġi kkonfermata.

([53]) Ara l-Artikolu LXIV, it-Taqsima 2 tal-14-il FYP.
([54]) Ara t-taqsima VIII tal-14-il FYP dwar l-Iżvilupp tal-Industrija tal-Materja Prima.
([55]) *Data* Miftuħa tal-Bank Dinji – Introjtu Medju Superjuri, https://data.worldbank.org/income-level/upper-middle-income.
([56]) Jekk ma jkunx hemm produzzjoni tal-prodott taħt rieżami fi kwalunkwe pajjiż li jkollu livell simili ta' żvilupp, tista' titqies il-produzzjoni ta' prodott fl-istess kategorija u/jew tas-settur ġenerali tal-prodott taħt rieżami.

(96) Fin-Nota dwar is-sorsi, il-Kummissjoni spjegat li, minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni, hija jkollha tibbaża fuq il-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. L-għażla tal-pajjiż rappreżentattiv kienet ibbażata fuq l-informazzjoni li tinsab fit-talba għal rieżami ta' skadenza, flimkien ma' sorsi oħrajn ta' informazzjoni meqjusa xierqa skont il-kriterji rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku f'konformità mal-Artikolu 18(5) tar-Regolament bażiku, inkluż il-GTA, "Doing Business" tal-Bank Dinji ([57]), il-Ministeru tal-Enerġija Tajlandiż ([58]), l-Awtorità Provinċjali tat-Tajlandja tax-Xogħlijiet tal-Ilma ([59]) u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, it-Tajlandja ([60]).

(97) Fir-rigward tal-livell ta' żvilupp ekonomiku, fit-talba għal rieżami ta' skadenza, l-applikant eżamina erba' pajjiżi bħala pajjiżi rappreżentattivi potenzjali li kellhom livell simili ta' żvilupp ekonomiku bħar-RPĊ. Il-pajjiżi eżaminati kienu t-Tajlandja, l-Indoneżja, il-Malażja u t-Turkija ([61]).

(98) Fir-rigward tal-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami, l-erba' pajjiżi kollha ġew identifikati bħala li għandhom industrija li tesporta mill-anqas 500 tunnellata fis-sena ta' SSTPF ([62]).

(99) Fir-rigward tad-disponibbiltà ta' *data* pubblika rilevanti fil-pajjiż rappreżentattiv, fit-talba tiegħu għal rieżami, l-applikant identifika lit-Tajlandja bħala pajjiż xieraq minn fost l-erba' pajjiżi abbażi tad-disponibbiltà ta' *data* pubblika rilevanti, bħall-istatistika uffiċjali dwar l-importazzjoni, il-prezzijiet tal-enerġija u l-produtturi magħrufa b'informazzjoni finanzjarja disponibbli għall-pubbliku. L-applikant identifika erba' kumpaniji li pproduċew l-SSTPF fit-Tajlandja ([63]).

(100) Kif huwa spjegat fin-Nota dwar is-sorsi, tnejn mill-kumpaniji kienu qed jagħmlu telf fis-sentejn ta' qabel il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami u għalhekk ma setgħux jintużaw biex jiġi stabbilit profitt raġonevoli skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku. Iż-żewġ kumpaniji l-oħrajn identifikati fit-talba, Thai Benkan Co. Ltd., u Thairungrueng Fitting & Value Co. Ltd., kellhom *data* disponibbli faċilment għas-sena 2020, li wriet profitti stmati ta' 1,2 % u livell ta' SG&A ta' 32,6 %.

(101) Zhejiang Jndia u s-CCCMC affermaw li t-Tajlandja ma kinitx pajjiż rappreżentattiv xieraq u li l-Malażja tkun għażla aktar xierqa.

(102) Fil-bidu, il-Kummissjoni nnotat li la Zhejiang Jndia u lanqas is-CCCMC ma ddikjaraw li t-Tajlandja ma kinitx tkun għażla xierqa. Huma sempliċiment iddikjaraw li l-Malażja tkun għażla aktar xierqa. Madankollu, la Zhejiang Jnidia u lanqas is-CCCMC ma pprovdew jew saħansitra ma ssuġġerew xi sors jew informazzjoni disponibbli għall-pubbliku dwar valuri mingħajr distorsjoni għall-Malażja għal ħafna mill-fatturi ta' produzzjoni msemmija fin-nota. Għaldaqstant, id-dikjarazzjoni ma kinitx sostanzjata.

(103) Barra minn hekk, skont it-Twissija Kummerċjali Globali ([64]), fl-Istati Uniti ilhom fis-seħħ dazji anti-dumping fuq l-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami mill-Malażja għal għadd ta' snin. Barra minn hekk, fit-3 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni estendiet id-dazju anti-dumping residwu fuq iċ-Ċina għal ċerti produtturi Malasjani li nstabu li evitaw il-miżuri anti-dumping imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/141 fuq l-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami. Ma setax jiġi eskluż li dawn iż-żewġ fatturi jista' jkollhom impatt fuq l-adegwatezza tal-Malażja bħala pajjiż rappreżentattiv, pereżempju fir-rigward tal-SG&A u tal-profitt tal-kumpaniji li joperaw fis-suq tal-Malażja, għall-imġiba kummerċjali potenzjalment inġusta tagħhom fi swieq kbar tal-esportazzjoni bħall-Istati Uniti u/jew l-Unjoni, u b'mod aktar ġenerali dwar il-funzjonament korrett tas-suq tal-Malażja tal-prodott taħt rieżami u potenzjalment tal-inputs tiegħu. Il-Kummissjoni qieset li dawn l-elementi jagħmlu lill-Malażja mhux pajjiż rappreżentattiv xieraq.

(104) Zhejiang Jndia u s-CCCMC sostnew ukoll li l-Kummissjoni ma kienet offriet l-ebda indikazzjoni dwar il-volumi prodotti fit-Tajlandja.

([57]) https://www.doingbusiness.org/content/dam/doingBusiness/country/t/thailand/THA.pdf
([58]) http://www.eppo.go.th/index.php/en/en-energystatistics/energy-economy-static
([59]) https://en.pwa.co.th/contents/service/table-price
([60]) http://www.nso.go.th/sites/2014en/Pages/Statistical%20Themes/Population-Society/Labour/Labour-Force.aspx
([61]) It-Talba għal rieżami ta' skadenza taqsima B.1.1.2 p. 8.
([62]) Ibid.
([63]) It-Talba għal rieżami ta' skadenza taqsima B.1.1.13 p. 15.
([64]) https://www.globaltradealert.org/data_extraction.

(105) Kif huwa spjegat fil-premessa (98), il-Kummissjoni nnotat li t-talba għal rieżami ta' skadenza pprovdiet statistika dwar l-esportazzjoni li turi li t-Tajlandja (u t-tliet pajjiżi rappreżentattivi potenzjali l-oħrajn) kellhom esportazzjonijiet sinifikanti tal-prodott taħt rieżami ([65]). Il-Kummissjoni nnotat ukoll li dawn il-partijiet ma pprovdew l-ebda evidenza dwar il-volumi attwalment prodotti fit-Tajlandja, u wisq anqas tqabbil mal-volumi prodotti fil-Malażja jew f'pajjiżi rappreżentattivi potenzjali oħrajn. Għalhekk, din l-affermazzjoni tqieset bħala mhux sostanzjata u irrilevanti.

(106) Zhejiang Jndia u s-CCCMC affermaw ukoll li l-proporzjon ta' profitt fit-Tajlandja kien baxx wisq biex jitqies raġonevoli. Wara din l-affermazzjoni, huma sostnew li l-Malażja tkun għażla aħjar u identifikaw produttur b'*data* finanzjarja disponibbli għall-pubbliku li kkoinċidiet mal-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(107) *Data* aktar reċenti relatata mal-kumpaniji profittabbli fit-Tajlandja saret disponibbli matul l-investigazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni rrevediet id-*data*. Id-*data* aġġornata għall-2021, il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami għal din l-investigazzjoni, għaż-żewġ kumpaniji Tajlandiżi wriet, bħala medja, profitti ta' 1,22 % u livell ta' SG&A ta' 19,64 %.

(108) Fin-Nota dwar is-sorsi, il-Kummissjoni rrikonoxxiet li profitt żgħir bħal dan ma setax jitqies raġonevoli. Madankollu, f'rieżami ta' skadenza ma hemmx ħtieġa li jiġi stabbilit il-livell eżatt ta' dumping peress li l-investigazzjoni trid tiddetermina jekk id-dumping huwiex probabbli li jkompli jew jerġa' jseħħ jekk il-miżuri ma jiġux estiżi. Għalhekk, il-Kummissjoni tista' tuża livell baxx ta' profitt jekk id-dumping ikun diġà stabbilit fuq din il-bażi. Dan japplika wkoll għad-*data* aktar reċenti u riveduta tal-kumpaniji Tajlandiżi. Kif jidher hawn taħt fit-taqsima 3.1.2.4, l-investigazzjoni stabbiliet dumping abbażi ta' *data* finanzjarja mit-Tajlandja. Għalhekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda. Barra minn hekk, il-profitt tal-kumpanija tal-Malażja ssuġġerit mill-partijiet interessati huwa ogħla mill-profitt tal-kumpaniji mit-Tajlandja ([66]). Għalhekk, l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni u l-użu tad-*data* mill-kumpanija tal-Malażja jwasslu biss għal żieda fil-valur normali u livelli ogħla ta' dumping.

(109) Zhejiang Jndia u s-CCCMC iddikjaraw li l-kalkolu ta' kostijiet diretti oħrajn, espress bħala perċentwal fuq il-bażi tal-kost tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni kif previst fit-talba, ma kienx raġonevoli minħabba li l-proċess tal-produzzjoni fit-Tajlandja huwa differentiminn dak tal-Unjoni.

(110) Zhejiang Jndia u s-CCCMC ma pprovdew l-ebda evidenza rigward il-proċess tal-produzzjoni fit-Tajlandja u għalhekk id-dikjarazzjoni ma kinitx sostanzjata. Aktar u aktar għax Zhejiang Jndia u l-membri tas-CCCMC setgħu kkooperaw fl-investigazzjoni billi jipprovdu l-kost tal-produzzjoni tagħhom u l-konsum tagħhom ta' fatturi ta' produzzjoni fir-RPĊ, li għalihom il-Kummissjoni setgħet tapplika l-parametri referenzjarji. Minflok, huma għażlu li ma jikkooperawx, minkejja li Zhejiang Jndia kienet produttur esportatur li esporta kwantitajiet sinifikanti ta' SSTPF lejn l-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami ([67]).

(111) Għalhekk, il-Kummissjoni bbażat fuq l-informazzjoni pprovduta mill-applikant fit-talba għal rieżami. L-investigazzjoni oriġinali stabbiliet li l-prodott ikkonċernat esportat miċ-Ċina u l-prodott simili manifatturat fl-Unjoni, għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, tekniċi u kimiċi bażiċi. Ma hemmx evidenza li l-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami ssegwi proċess differenti fl-Unjoni, fiċ-Ċina u fil-pajjiżi terzi rappreżentattivi xierqa.

(112) Zhejiang Jndia u s-CCCMC iddikjaraw li t-Tajlandja ma hijiex għażla xierqa peress li l-prezz medju tal-importazzjonijiet ta' pajpijiet mingħajr weldjatura fit-Tajlandja ma huwiex raġonevoli. Il-partijiet interessati affermaw li l-prezz huwa "mhux tas-soltu" minħabba l-varjazzjoni sinifikanti bejn il-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet fit-Tajlandja minn diversi pajjiżi fornituri. Huma argumentaw li l-prezz medju huwa għoli b'mod mhux raġonevoli meta mqabbel mal-prezzijiet tal-importazzjonijiet f'pajjiżi jew fi blokok oħrajn tal-produzzjoni tal-SSTPF bħall-Malażja, l-Indja u l-Unjoni. Huma argumentaw ukoll li l-prezz referenzjarju huwa ogħla mill-prezzijiet bejn l-Istati Membri tal-Unjoni, mhux biss tal-input iżda anke tal-prodott simili lest. Skont il-partijiet interessati, "*il-Kummissjoni għandha ssib ir-raġuni għaliex il-prezzijiet tal-importazzjoni tal-pajpijiet mingħajr weldjatura tat-Tajlandja minn ċerti pajjiżi huma anormali u jeskludu jew jaġġustaw dawn il-prezzijiet anormali*".

([65]) Talba għal rieżami ta' skadenza – Annessi St -01 sa 05.

([66]) https://pantech-group.com/wp-content/uploads/Pantech_AR2022.pdf

([67]) Zhejiang Jndia kienet waħda mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun fl-investigazzjoni oriġinali. Għalhekk, l-importazzjonijiet individwali tagħha (identifikati mill-kodiċi addizzjonali TARIC tagħha) huma disponibbli fil-bażi tad-*data* tal-14(6). Hija esportat kwantitajiet sinifikanti lejn l-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(113) Il-Kummissjoni ma qablitx. Għar-raġunijiet deskritti fil-premessi (97) sa (100), it-Tajlandja hija pajjiż rappreżentattiv xieraq. Il-partijiet interessati naqsu milli juru li d-*data* użata mill-Kummissjoni ma kinitx relatata mal-"kostijiet korrispondenti tal-produzzjoni" skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku. Huma argumentaw biss li l-prezz huwa "anormali", b'referenza għal sorsi oħrajn, mingħajr spjegazzjoni u jagħtu lill-Kummissjoni l-kompitu li ssib ir-raġuni għal din l-allegata anormalità. Sadanittant, l-ebda produttur fir-RPĊ ma kkoopera fl-investigazzjoni u kif innotat fil-premessa (34), il-fatturi tal-produzzjoni kellhom jiġu stabbiliti abbażi tal-fatti disponibbli f'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament bażiku. Fid-dawl tal-volum tal-importazzjonijiet tal-input inkwistjoni fit-Tajlandja, u l-informazzjoni fil-fajl, il-Kummissjoni ma kellha l-ebda evidenza li d-*data* użata hija distorta jew li hija relatata ma' inputs li ma jikkorrispondux għall-kostijiet fir-RPĊ. Barra minn hekk, is-sempliċi fatt li l-prezzijiet bejn is-sorsi jvarjaw u li l-prezz medju huwa għoli meta mqabbel ma' sorsi oħrajn ma jagħmilx dak il-prezz mhux raġonevoli. Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, id-dikjarazzjoni ġiet miċħuda bħala mhux sostanzjata. Barra minn hekk, għalkemm Zhejiang Jndia u s-CCCMC ma pprovdewx bażi jew suġġeriment għal aġġustament jew alternattiva, il-Kummissjoni nnotat li anke bl-użu tal-anqas valur ta' importazzjoni fit-Tajlandja (CNY 32,81 għal kull kilogramma, mill-Indoneżja) iwassal għal sejba ta' dumping.

(114) Zhejiang Jndia u s-CCCMC iddikjaraw ukoll li l-merkanzija bil-baħar u l-assigurazzjoni jenħtieġ li jitnaqqsu mill-prezz tal-importazzjoni.

(115) Il-Kummissjoni ma qablitx. Il-prezz tal-importazzjoni tal-inputs f'pajjiżi rappreżentattivi jintuża bħala indikatur ta' prezz mingħajr distorsjoni fis-suq domestiku tal-pajjiż rappreżentattiv f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku. Dan il-prezz huwa inkluż fil-GTA f'livell CIF. Għalhekk, it-trasport bil-baħar u l-assigurazzjoni – jekk ikun hemm – jenħtieġ li ma jitnaqqsux, inkella ma jibqax jirrappreżenta l-indikatur fis-suq domestiku tal-prezz tal-inputs. Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(116) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq kollu u tad-diskrezzjoni li l-Kummissjoni għandha fl-għażla tal-pajjiż rappreżentattiv xieraq, il-Kummissjoni kkonfermat l-għażla tagħha tat-Tajlandja bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

(117) Wara li ġie stabbilit li t-Tajlandja kienet il-pajjiż rappreżentattiv xieraq, abbażi tal-elementi kollha msemmijin hawn fuq, u wara li ġew analizzati l-kummenti mill-partijiet interessati, ma kienx hemm bżonn li titwettaq valutazzjoni tal-livell ta' protezzjoni soċjali u ambjentali f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a), l-ewwel inċiż, l-aħħar sentenza, tar-Regolament bażiku.

(118) Fid-dawl tal-analiżi ta' hawn fuq, it-Tajlandja ssodisfat il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2(6a)(a), l-ewwel inċiż, tar-Regolament bażiku sabiex titqies bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq.

(119) Zhejiang Jndia u s-CCCMC tennew il-kummenti, wara d-divulgazzjoni, li l-Malasja kienet pajjiż terz rappreżentattiv aktar xieraq mit-Tajlandja. Dawn it-talbiet ġew imwieġba fit-taqsima 3.1.2.2.2 hawn fuq. It-Tajlandja ssodisfat il-kriterji għal pajjiż rappreżentattiv kif stabbilit fl-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku. Kif iddikjarat fil-premessa (107), il-Kummissjoni użat *data* disponibbli għall-pubbliku għall-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami għaż-żewġ kumpaniji Tajlandiżi. Fir-rigward tal-kummenti mill-partijiet interessati dwar il-prezz tal-importazzjoni tal-pajpijiet mingħajr weldjatura u dwar li jitnaqqsu mill-prezz it-tariffi tat-trasport tal-merkanzija bil-baħar u tal-assigurazzjoni, il-Kummissjoni tirreferi għall-konklużjonijiet li jinsabu fil-premessi (113) u (115).

3.1.2.2.3. *Kostijiet u parametri referenzjarji mingħajr distorsjoni u sorsi użati biex dawn jiġu stabbiliti.*

(120) Meta titqies l-informazzjoni kollha bbażata fuq it-talba għal rieżami, u wara li ġew analizzati l-kummenti mill-partijiet interessati, il-fatturi tal-produzzjoni li ġejjin, is-sorsi tagħhom u l-valuri mingħajr distorsjoni ġew identifikati sabiex jiġi ddeterminat il-valur normali f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku:

Tabella 1

Fatturi tal-produzzjoni ta' ċertu tagħmir tat-tubi u tal-pajpijiet tal-azzar li ma jsaddadx

Fattur ta' Produzzjoni	Kodiċi tal-Komodità fit-Tajlandja	Valur mingħajr distorsjoni	Unità ta' kejl	Sors ta' informazzjoni
Materja prima				
Pajpijiet prinċipali tal-azzar li ma jsaddadx - Iwweldjati	7306 11	CNY 25,13	KGs	GTA
Pajpijiet prinċipali tal-azzar li ma jsaddadx - Mingħajr weldjatura	7304 11	CNY 114,74	KGs	GTA
Il-pajpijiet prinċipali kollha tal-azzar li ma jsaddadx – Iwweldjati u mingħajr weldjatura	7306 11 u 7304 11	CNY 68,58	KGs	GTA
Il-materja prima l-oħra kollha – il-kostijiet tal-imballaġġ, l-utilitajiet, l-oġġetti tal-konsum	Mhux applikabbli		Ammont fiss (% tal-kostijiet diretti)	Talba għal rieżami
Manodopera				
Xogħol dirett		CNY 18,59	Sigħat	Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, it-Tajlandja, l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO)
Enerġija/Utilitajiet				
Elettriku		CNY 0,88	kWh	Il-Bank Dinji "Doing Business"
Gass		CNY 2,35	M^3	Enerġija, Politika u Ppjanar, Ministeru tal-Enerġija
Ilma		CNY 5,80	M^3	L-Awtorità Provinċjali tat-Tajlandja tax-Xogħlijiet tal-Ilma
Prodott sekondarju/Skart				
Ruttam	7204 21	CNY 8,80	KG	GTA

3.1.2.2.3.1. Materja Prima

(121) Sabiex jiġi stabbilit il-prezz mingħajr distorsjoni tal-materja prima kif ikkonsenjata sal-fabbrika ta' produttur rappreżentattiv tal-pajjiż, il-Kummissjoni użat bħala bażi l-prezz medju ponderat ta' importazzjoni fil-pajjiż rappreżentattiv kif irrapportat fil-GTA li miegħu żdiedu d-dazji fuq l-importazzjoni u l-kostijiet tat-trasport. Prezz tal-importazzjoni fil-pajjiż rappreżentattiv ġie ddeterminat bħala medja ponderata tal-prezzijiet ta' unità tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi kollha bl-esklużjoni tar-RPĊ u l-pajjiżi li ma humiex membri tad-WTO elenkati fl-Anness 1 tar-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([68]).

([68]) Ir-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 33). L-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku jqis li l-prezzijiet domestiċi f'dawk il-pajjiżi ma jistgħux jintużaw għall-fini tad-determinazzjoni tal-valur normali.

(122) Il-Kummissjoni ddeċidiet li teskludi l-importazzjonijiet mir-RPĊ lejn il-pajjiż rappreżentattiv peress li fit-taqsima 3.1.2.2 hija kkonkludiet li ma huwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi fir-RPĊ minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku. Minħabba li ma hemm l-ebda evidenza li turi li l-istess distorsjonijiet ma jaffettwawx bl-istess mod il-prodotti maħsubin għall-esportazzjoni, il-Kummissjoni qieset li l-istess distorsjonijiet affettwaw il-prezzijiet tal-esportazzjoni. Wara li ġew eskluži l-importazzjonijiet mir-RPĊ u minn pajjiżi li ma humiex membri tad-WTO fil-pajjiż rappreżentattiv, il-volum tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn baqa' rappreżentattiv.

(123) Kif inhu spjegat fin-nota dwar is-sorsi, il-Kummissjoni eskludiet anomalija statistika fl-importazzjonijiet mill-Ġappun lejn it-Tajlandja taħt is-subintestatura HS 7306 11 (pajpijiet iwweldjati) fl-ewwel nofs tal-2021. Ma wasal l-ebda kumment mingħand il-partijiet interessati f'dan ir-rigward.

(124) Sabiex jiġi stabbilit il-prezz mingħajr distorsjoni tal-materja prima, kif ikkonsenjata sal-fabbrika tal-produttur, il-Kummissjoni applikat id-dazju fuq l-importazzjoni tal-pajjiż rappreżentattiv, fil-livelli rispettivi, skont il-pajjiż ta' oriġini tal-volumi importati. Il-Kummissjoni żiedet il-kost tat-trasport domestiku fit-Tajlandja abbażi tar-Rapport "Doing Business" tal-Bank Dinji. ([69])

(125) Il-Kummissjoni ġabret flimkien entrati b'piż negliġibbli fil-kost tal-produzzjoni, bħal materja prima oħra, il-kostijiet tal-imballaġġ, l-utilitajiet u l-oġġetti tal-konsum u esprimiethom bħala perċentwal tal-kostijiet diretti.

3.1.2.2.3.2. Prodotti sekondarji

(126) Skont l-informazzjoni fit-talba għal rieżami, fil-produzzjoni tal-SSTPF jinkiseb prodott sekondarju wieħed biss, jiġifieri ruttam. Sabiex tistabbilixxi l-prezz mingħajr distorsjoni tagħha, il-Kummissjoni żiedet ukoll id-dazji tal-importazzjoni u l-kostijiet tat-trasport intern mal-prezz medju tal-importazzjoni fit-Tajlandja, billi segwiet l-istess metodoloġija bħal dik għall-materja prima.

3.1.2.2.3.3. Manodopera

(127) Sabiex tikkalkula l-valur għall-manodopera, il-Kummissjoni użat *data* disponibbli mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika ("NSO"), mit-Tajlandja u mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol ("ILO"). L-NPO jippubblika informazzjoni dettaljata trimestrali dwar il-pagi skont l-industrija, ir-reġjun u ż-żona fit-Tajlandja. Il-Kummissjoni użat ukoll l-aħħar statistika disponibbli, dik tal-2020, mill-ILO ([70]) biex tikkalkula s-sigħat medji ta' kull ġimgħa u ta' kull xahar maħduma fit-Tajlandja.

3.1.2.2.3.4. Enerġija/utilitajiet

(128) Il-Kummissjoni użat id-*data* dwar il-prezzijiet tal-elettriku industrijali fil-faxxa tal-konsum korrispondenti f'kWh ([71]) kif ippubblikata fl-istudju tal-Bank Dinji "Doing Business" tal-2020, li kienet l-aħħar *data* disponibbli.

(129) Il-prezz tal-gass naturali għall-kumpaniji (utenti industrijali) fit-Tajlandja huwa ppubblikat mill-Unità tal-Enerġija, il-Politika u l-Ippjanar fil-Ministeru tal-Enerġija ([72]). Il-Kummissjoni użat id-*data* disponibbli għall-2021 li kopriet il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami.

(130) Il-prezz għall-konsum tal-ilma għall-użu industrijali fit-Tajlandja nkiseb mill-Awtorità Provinċjali tax-Xogħlijiet tal-Ilma ([73]). Għan-negozji, l-ilma huwa pprezzat skont firxa speċifika skont il-konsum ta' kull xahar. Il-Kummissjoni għażlet ċifra medja mill-firxa biex tikkalkula l-kost tal-ilma.

3.1.2.2.3.5. Kostijiet diretti oħrajn

(131) Kostijiet diretti oħrajn kienu bbażati fuq l-informazzjoni dwar l-industrija tal-Unjoni pprovduta fit-talba għal rieżami ta' skadenza (ara l-premessi (57) u (109) sa (111)).

([69]) https://www.doingbusiness.org/content/dam/doingBusiness/country/t/thailand/THA.pdf
([70]) https://www.ilo.org/shinyapps/bulkexplorer17/?lang=en&segment=indicator&id=HOW_TEMP_SEX_ECO_NB_A
([71]) https://www.doingbusiness.org/content/dam/doingBusiness/country/t/thailand/THA.pdf
([72]) www.eppo.go.th/index.php/en/en-energystatistics/energy-economy-static
([73]) https://en.pwa.co.th/contents/service/table-price

3.1.2.2.4. *Kostijiet ġenerali tal-manifattura, kostijiet SG&A, profitti u deprezzament*

(132) Skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, "il-valur normali maħdum għandu jinkludi ammont raġonevoli u mingħajr distorsjoni għal kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali u għal profitti". Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi stabbilit valur għall-kostijiet ġenerali tal-manifattura biex ikopri l-kostijiet mhux inklużi fil-fatturi tal-produzzjoni msemmija hawn fuq.

(133) Sabiex tistabbilixxi valur mingħajr distorsjoni tal-ispejjeż ġenerali tal-manifattura u minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi/produtturi esportaturi, il-Kummissjoni użat il-fatti disponibbli f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Għalhekk, il-Kummissjoni stabbiliet il-proporzjon tal-ispejjeż ġenerali tal-manifattura mal-kostijiet totali tal-manifattura u tal-manodopera abbażi tad-*data* pprovduta mill-applikant fit-talba għal rieżami ta' skadenza.

(134) Għall-kostijiet SG&A u għall-profitt, il-Kummissjoni użat id-*data* finanzjarja għall-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami ta' żewġ produtturi Tajlandiżi, kif huwa stabbilit fil-premessa (107).

3.1.2.2.5. *Kalkolu tal-valur normali*

(135) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni ħadmet il-valur normali fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

(136) L-SSTPF jista' jsir minn pajpijiet iwweldjati jew mingħajr weldjatura. Il-Kummissjoni stabbiliet valur normali għal tagħmir mingħajr weldjatura bl-użu tal-parametru referenzjarju għal pajpijiet mingħajr weldjatura, u valur normali għal tagħmir iwweldjat bl-użu tal-parametru referenzjarju għal pajpijiet iwweldjati. Il-Kummissjoni stabbiliet ukoll valur normali għat-tagħmir kollu li juża bħala punt ta' riferiment il-prezz medju ponderat tal-importazzjoni kemm tal-pajpijiet iwweldjati kif ukoll dawk mingħajr weldjatura fit-Tajlandja. Il-metodoloġija, spjegata fil-premessi li ġejjin, hija l-istess fit-tliet każijiet kollha, bil-valur mingħajr distorsjoni tal-fattur ewlieni tal-produzzjoni jkun l-unika differenza.

(137) L-ewwel nett, il-Kummissjoni stabbiliet il-kostijiet mingħajr distorsjoni tal-manifattura. Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi, il-Kummissjoni bbażat fuq l-informazzjoni pprovduta mill-applikant fit-talba għal rieżami dwar l-użu ta' kull fattur għall-produzzjoni tal-SSTPF.

(138) L-entrati b'piż negliġibbli fil-kost tal-produzzjoni, bħal materja prima oħra, il-kostijiet tal-imballaġġ, l-utilitajiet u l-oġġetti tal-konsum ġew raggruppati u espressi bħala perċentwal tal-kostijiet diretti abbażi tal-informazzjoni pprovduta fit-talba għal rieżami. Dan il-perċentwal ġie applikat għall-kostijiet tal-manifattura mingħajr distorsjoni kif huwa stabbilit fil-premessa (137).

(139) Ġew stabbiliti kostijiet diretti oħrajn fuq l-istess bażi. Il-perċentwal tagħhom fuq il-kostijiet diretti totali abbażi tal-informazzjoni pprovduta fit-talba għal rieżami ta' skadenza ġie applikat għall-kostijiet diretti mingħajr distorsjoni.

(140) Il-Kummissjoni mbagħad żiedet l-entrati li ġejjin fil-kostijiet mingħajr distorsjoni tal-manifattura:

— L-ispejjeż ġenerali tal-manifattura, li b'kollox kienu jammontaw għal 29,1 % tal-kostijiet diretti tal-manifattura skont l-informazzjoni pprovduta fit-talba (ara l-premessa (133));

— L-SG&A u l-profitt, li ammontaw għal 19,64 % u 1,22 % (ara l-premessa (107)).

(141) Il-valur normali, ikkalkolat kif deskritt fil-premessi minn (137) sa (140), tnaqqas bil-valur mingħajr distorsjoni tal-prodott sekondarju.

(142) Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni ħadmet il-valur normali għal kull tip ta' prodott fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

3.1.2.3. Prezz tal-esportazzjoni

(143) Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, il-prezz tal-esportazzjoni għall-importazzjonijiet kollha tal-SSTPF ġie ddeterminat abbażi tad-*data* CIF mill-Eurostat aġġustata għal-livell ta' kif joħorġu mill-fabbrika billi tnaqqsu l-kostijiet tat-trasport tal-merkanzija bil-baħar, tal-assigurazzjoni u tat-trasport domestiku. Il-kost medju tat-trasport tal-merkanzija bil-baħar u tal-assigurazzjoni miċ-Ċina kien ibbażat fuq it-talba għal rieżami ([74]). It-trasport domestiku fiċ-Ċina kien ibbażat fuq ir-rapport tal-pajjiż taċ-Ċina "Doing Business" ([75]).

(144) Il-Kummissjoni ma għandhiex informazzjoni dwar it-taħlita tal-prodotti minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni, u ċ-ċifri mill-Eurostat jinkludu l-SSTPF kollha mingħajr ma ssir distinzjoni bejn it-tipi. Għalhekk, il-Kummissjoni użat ukoll il-prezzijiet tal-esportazzjoni għal fittings mingħajr weldjatura u wweldjati pprovduti fit-talba, aġġustati għal-livell ta' kif joħorġu mill-fabbrika fuq l-istess bażi bħall-prezz CIF tal-Eurostat.

3.1.2.4. Marġni tat-tqabbil u tad-dumping

(145) Il-Kummissjoni qabblet il-prezz medju tal-esportazzjoni mill-Eurostat fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika kif stabbilit hawn fuq mal-valur normali għall-fittings kollha. Abbażi ta' dan, il-marġni ta' dumping medju ponderat, espress bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, kien ta' aktar minn 100 %.

(146) Il-Kummissjoni qabblet ukoll il-prezzijiet tal-esportazzjoni ta' fittings mingħajr weldjatura u wweldjati, abbażi tat-talba għal rieżami u aġġustati għal-livell ta' kif joħorġu mill-fabbrika, mal-valuri normali għal fittings mingħajr weldjatura u wweldjati. Abbażi ta' dan, il-marġnijiet ta' dumping, espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma 63,3 % għal tagħmir iwweldjat u aktar minn 100 % għal tagħmir mingħajr weldjatura. Dan il-kalkolu huwa konservattiv peress li l-Kummissjoni użat l-ogħla prezzijiet tal-esportazzjoni pprovduti fit-talba.

(147) Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li d-dumping tkompla matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami.

3.1.3. *Probabbiltà ta' kontinwazzjoni tad-dumping*

(148) Wara s-sejba tal-eżistenza ta' dumping matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-Kummissjoni investigat, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-probabbiltà tal-kontinwazzjoni ta' dumping f'każ li l-miżuri jiġu mħassra. Ġew analizzati l-elementi addizzjonali li ġejjin: il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fir-RPĊ u l-attraenza tas-suq tal-Unjoni.

3.1.3.1. Kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fir-RPĊ

(149) Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni, il-Kummissjoni stabbiliet il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fir-RPĊ abbażi tal-informazzjoni pprovduta fit-talba għar-rieżami ta' skadenza ([76]), fejn il-produzzjoni kienet stmata għal 119 000-il tunnellata fis-sena u l-kapaċità tal-produzzjoni għal 170 000 tunnellata fis-sena bħala minimu. Il-kapaċità ta' riżerva fir-RPĊ kienet stmata għal 51 000 tunnellata. Dan huwa kważi erba' darbiet il-konsum totali tal-UE matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(150) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-produtturi esportaturi Ċiniżi għandhom kapaċità ta' riżerva sinifikanti, li jistgħu jużaw sabiex jipproduċu l-SSTPF għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni, u jżidu ħafna l-probabbiltà ta' esportazzjonijiet bi prezzijiet li huma l-oġġett ta'dumping jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

3.1.3.2. Attraenza tas-suq tal-Unjoni

(151) Sabiex tiddetermina l-attraenza tas-suq tal-Unjoni, il-Kummissjoni l-ewwel qabblet il-prezzijiet tal-esportazzjoni Ċiniżi lejn l-Unjoni mal-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn swieq ta' pajjiżi terzi.

([74]) It-Talba għal rieżami ta' skadenza, Anness-C-DM-02CN.
([75]) https://www.doingbusiness.org/content/dam/doingBusiness/country/c/china/CHN.pdf
([76]) It-Talba għal rieżami ta' skadenza, it-taqsima C.4.1 pg. 41 u l-Anness Miftuħ – D-08.

(152) Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni, il-Kummissjoni użat l-istatistika tal-GTA ([77]) għall-esportazzjonijiet Ċiniżi tas-subinċiż HS 7307 23 (Stainless Steel Butt Welding Fittings) fil-livell FOB biex jitqabblu l-prezzijiet tal-esportazzjoni Ċiniżi lejn l-Unjoni ma' dawk lejn swieq terzi kif ukoll mal-prezz medju tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni. Il-prezz medju tal-esportazzjoni Ċiniż lejn l-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami kien 12 % ogħla mill-prezzijiet lejn swieq ta' pajjiżi terzi oħrajn. Meta jiżdied il-kost medju tat-trasport tal-merkanzija bil-baħar u tal-assigurazzjoni miċ-Ċina lejn l-Unjoni abbażi tat-talba għal rieżami ([78]) biex jiġi aġġustat għal-livell CIF tal-fruntiera tal-Unjoni, il-prezz medju tal-esportazzjoni Ċiniż lejn swieq oħrajn ta' pajjiżi terzi fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami kien 15,9 % orħos mill-prezzijiet medji tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni. Għalhekk, minħajr dazji, l-esportaturi Ċiniżi jkunu jistgħu jesportaw lejn l-Unjoni bi prezzijiet ogħla minn dawk lejn swieq ta' pajjiżi terzi oħrajn iżda xorta taħt il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, b'hekk żieda fl-esportazzjonijiet bi prezzijiet li huma oġġett ta' dumping issir probabbli ħafna jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

(153) Is-suq tal-Unjoni huwa attraenti wkoll fid-dawl tad-daqs tiegħu, b'konsum totali ta' 12 819-il tunnellata.

(154) Minkejja l-miżuri anti-dumping fis-seħħ, l-importazzjonijiet miċ-Ċina xorta kellhom sehem mis-suq ta' 5,6 % fil-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami (ara l-premessa (48)), indikazzjoni oħra li s-suq tal-Unjoni huwa attraenti għall-produtturi esportaturi Ċiniżi. Barra minn hekk, kif inhu spjegat fil-premessa (6), il-Kummissjoni sabet li l-miżuri qed jiġu evitati permezz ta' operazzjonijiet ta' assemblaġġ fil-Malażja. Il-prattiki ta' ċirkomvenzjoni juru l-interess tal-produtturi esportaturi Ċiniżi fl-aċċess għas-suq tal-Unjoni mingħajr restrizzjonijiet u, b'hekk, l-attraenza tas-suq tal-Unjoni għall-esportazzjonijiet Ċiniżi.

3.1.3.3. Konklużjoni dwar il-probabbiltà tat-tkomplija tad-dumping

(155) Fid-dawl tas-sejbiet tagħha dwar il-kontinwazzjoni tad-dumping matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami kif stabbilit fil-premessa (147), u dwar l-iżvilupp probabbli tal-esportazzjonijiet jekk il-miżuri jiskadu, kif huwa spjegat fil-premessi (149) sa (154), il-Kummissjoni kkonkludiet li hemm probabbiltà kbira li l-iskadenza tal-miżuri anti-dumping fuq l-importazzjonijiet mir-RPĊ tirriżulta fil-kontinwazzjoni tad-dumping.

3.2. **It-Tajwan**

3.2.1. *Kummenti preliminari*

(156) Matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami, l-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami mit-Tajwan komplew, għalkemm f'livelli konsiderevolment aktar baxxi milli fil-perjodu ta' investigazzjoni tal-investigazzjoni oriġinali (jiġifieri mill-1 ta' Ottibru 2014 sat-30 ta' Settembru 2015). Skont l-istatistika ta' Comext (Eurostat), l-importazzjonijiet tal-SSTPF mit-Tajwan irrappreżentaw 203 tunnellati fil-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami, meta mqabbla ma' 1 102 tunnellati matul il-perjodu tal-investigazzjoni oriġinali. L-importazzjonijiet tal-SSTPF mit-Tajwan ammontaw għal madwar 1,6 % tas-suq tal-Unjoni fil-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami, meta mqabbla ma' sehem mis-suq ta' 7,8 % matul il-perjodu tal-investigazzjoni oriġinali.

(157) Kumpanija Tajwaniża waħda biss (Ta Chen ([79])) ikkooperat fir-rieżami u pprovdiet tweġiba sħiħa għall-kwestjonarju dwar l-anti-dumping. Il-bejgħ ta' Ta Chen kien jammonta għal 91 % tal-importazzjonijiet tat-Tajwan tal-SSTPF fl-Unjoni fil-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami.

3.2.2. *Kontinwazzjoni tad-dumping matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami*

3.2.2.1. Valur normali

(158) Minħabba n-nuqqas ta' bejgħ domestiku tal-prodott taħt rieżami, il-valur normali għal Ta Chen inħadem f'konformità mal-Artikolu 2(3) u (6) tar-Regolament bażiku billi żdiedu mal-kost tal-produzzjoni tat-tipi ta' prodotti rilevanti, il-kostijiet SG&A mġarrba u profitt raġonevoli.

([77]) https://connect.ihsmarkit.com/home

([78]) It-Talba għal rieżami ta' skadenza, Anness-C-DM-02CN

([79]) Fl-investigazzjoni oriġinali, żewġ kumpaniji Tajwaniżi kkooperaw – Ta Chen u King Lai. Din tal-aħħar irċeviet marġni ta' dumping individwali ta' 0 % u għalhekk ma hijiex parti minn din l-investigazzjoni. Skont id-*data* dwar l-importazzjoni mill-bażi tad-*data* tal-14 (6), li għandha *data* fil-livell ta' produtturi individwali, ma kienx hemm importazzjonijiet minn King Lai fil-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(159) L-ammont ta' spejjeż SG&A u profitt ġie ddeterminat, f'konformità mal-Artikolu 2(6)(b) tar-Regolament bażiku, abbażi tal-bejgħ domestiku tal-kumpanija tal-istess kategorija ġenerali ta' prodotti.

(160) Wara d-divulgazzjoni, Ta Chen sostniet li l-SG &A u l-perċentwali tal-profitt użati fil-kalkolu tal-valur normali, jiġifieri dawk ibbażati fuq il-bejgħ domestiku tal-kumpanija tal-istess kategorija ġenerali ta' prodotti, mhumiex rappreżentattivi. Il-kumpanija argumentat li dak il-bejgħ ma kienx rappreżentattiv fil-volum, kien jikkonċerna prodotti ferm differenti mill-prodott taħt rieżami u kien jinkludi l-bejgħ tar-ruttam. Il-kumpanija sostniet li fil-kalkolu tal-valur normali jenħtieġ li jintużaw l-SG&A u l-profitt tal-prodott taħt rieżami fl-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi.

(161) Ta' min jinnota li l-unika bażi legali li tippermetti lill-Kummissjoni biex potenzjalment tuża l-SG&A u l-profitt tal-bejgħ mill-esportazzjoni fil-kalkolu tal-valur normali tkun l-Artikolu 2(6)(c) tar-Regolament bażiku. Madankollu dan l-Artikolu jeħtieġ tqabbil tal-profitt użat biex jitkejjel il-profitt "*normalment magħmul minn esportaturi jew produtturi oħra fuq bejgħ ta' prodotti ta' l-istess kategorija ġenerali fis-suq domestiku tal-pajjiż ta' oriġini*". Minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni ta' produtturi Tajwaniżi oħra, il-Kummissjoni ma ġabritx *data* affidabbli f'dan ir-rigward, speċjalment fid-dawl tal-fatt li nġabret biżżejjed *data* minn Ta Chen biex isir il-kalkolu tal-valur normali abbażi tal-Artikolu 2(6)(b) tar-Regolament bażiku.

(162) Barra minn hekk, għandu jiġi enfasizzat li l-fatturat domestiku użat bħala bażi għall-kalkolu kien rappreżentattiv fil-volum (aktar minn 25 % tal-fatturat totali tal-kumpanija tal-bejgħ indipendenti) kien jikkonċerna prinċipalment il-prodotti tal-azzar li ma jsaddadx u l-bejgħ tar-ruttam kien biss parti żgħira minn dan il-fatturat ([80]). Fl-aħħar nett, l-aċċettazzjoni tal-affermazzjoni ma jkollha l-ebda impatt fuq is-sejbiet dwar il-kontinwazzjoni tad-dumping.

(163) Għalhekk, it-talba ġiet miċħuda.

3.2.2.2. Prezz tal-esportazzjoni

(164) Il-produttur esportatur li kkoopera għamel bejgħ bl-esportazzjoni lejn l-Unjoni direttament lil klijenti indipendenti li kienu jinsabu fl-Unjoni.

(165) Il-prezz tal-esportazzjoni għalhekk kien stabbilit abbażi tal-prezzijiet attwalment imħallsa jew pagabbli għall-prodott taħt rieżami meta nbiegħ għall-esportazzjoni mill-pajjiż esportatur f'konformità mal-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.

3.2.2.3. Tqabbil u Marġni tad-dumping

(166) Il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni tal-produttur esportatur li kkoopera ġew imqabbla fuq bażi ta' kif joħorġu mill-fabbrika.

(167) Għall-fini tal-iżgurar ta' tqabbil ġust bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni, ingħataw konċessjonijiet ġusti, fil-forma ta' aġġustamenti, għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u t-tqabbil tal-prezzijiet f'konformità mal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku.

(168) Abbażi ta' dan, saru aġġustamenti għat-trasport, il-kostijiet tal-ġarr tal-merkanzija bil-baħar u tal-assigurazzjoni, il-kostijiet tal-immaniġġar, tat-tagħbija u l-kostijiet anċillari, il-kostijiet tal-ippakkjar, il-kostijiet ta' kreditu, skontijiet u kummissjonijiet li kienu ppruvati li jaffettwaw it-tqabbil tal-prezzijiet. L-aġġustamenti totali kienu bbażati fuq valuri reali rrapportati minn Ta Chen u vverifikati fuq il-post. Dawk iċ-ċifri huma dawk irrapportati fl-entrati tal-kost rilevanti mill-kumpanija, u ġew iddivulgati fid-divulgazzjoni speċifika.

(169) Ta' min jinnota li fil-kalkolu, il-Kummissjoni rrifjutat aġġustament għall-konverżjoni tal-munita mitlub minn ta Chen. Il-kumpanija talbet lill-Kummissjoni biex minflok ma tuża r-rata tal-kambju fid-data tal-fattura tuża r-rata tal-kambju fid-data tal-pagament. Ir-Regolament bażiku jistipula li normalment, tintuża d-data tal-fattura għall-istabbiliment tar-rata tal-kambju, iżda li f'sitwazzjonijiet straordinarji, tista' tintuża data aktar kmieni (pereżempju d-data tal-kuntratt). Madankollu, ir-Regolament bażiku ma jipprovdi l-ebda bażi ġuridika għall-użu ta' data wara d-data tal-fattura.

([80]) L-email ta' spjegazzjoni tal-kumpanija tat-2 ta' Novembru 2022 u l-informazzjoni miġbura matul il-verifika fuq il-post.

(170) Kif huwa previst fl-Artikolu 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku, il-valur normali medju ponderat skont it-tip tal-SSTPF tqabbel mal-prezz medju ponderat tal-esportazzjoni tat-tip korrispondenti tal-prodott taħt rieżami.

(171) Abbażi ta' dan, il-marġni ta' dumping medju ponderat, espress bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, instab li kien f'livell ta' 39,67 %.

3.2.3. *Il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' dumping jekk il-miżuri jiġu revokati*

(172) Il-Kummissjoni investigat, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-probabbiltà ta' rikorrenza ta' dumping, f'każ li l-miżuri jiġu rrevokati. Ġew analizzati l-elementi addizzjonali li ġejjin: l-eżistenza ta' esportazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping lejn pajjiżi terzi, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fit-Tajwan u l-attraenza tas-suq tal-Unjoni.

3.2.3.1. Esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi

(173) Il-Kummissjoni kkalkolat il-marġnijiet tad-dumping fir-rigward tal-bejgħ lil Ta Chen lit-tliet swieq terzi ewlenin ta' esportazzjoni tal-kumpanija, jiġifieri l-Awstralja, il-Kanada u l-Istati Uniti.

(a) *Valur normali*

(174) Il-valur normali nħadem kif huwa spjegat hawn fuq fil-premessi (158) u (159).

(b) *Prezz tal-esportazzjoni*

(175) Il-produttur esportatur li kkoopera għamel bejgħ bl-esportazzjoni lill-Awstralja u lill-Kanada direttament lil klijenti indipendenti li jinsabu f'dawn il-pajjiżi. Għalhekk, il-prezz tal-esportazzjoni kien stabbilit abbażi tal-prezzijiet reali mħallsa jew pagabbli għall-prodott taħt rieżami meta mibjugħ bl-esportazzjoni mill-pajjiż tal-esportazzjoni f'konformità mal-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.

(176) Peress li l-bejgħ tal-esportazzjoni lejn l-Istati Uniti sar permezz ta' importatur relatat, il-prezz tal-esportazzjoni għall-fini ta' dan il-kalkolu nħadem abbażi tal-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid lill-ewwel xerrej indipendenti, f'konformità mal-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku.

(c) *Tqabbil u Marġni tad-dumping*

(177) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali maħdum u l-prezzijiet medji tal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika.

(178) Biex jiġi żgurat tqabbil ġust bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni, ingħataw konċessjonijiet ġusti, fil-forma ta' aġġustamenti, għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u t-tqabbil tal-prezzijiet f'konformità mal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku.

(179) Abbażi ta' dan, saru aġġustamenti għat-trasport, il-kostijiet tal-ġarr tal-merkanzija bil-baħar u tal-assigurazzjoni, il-kostijiet tal-immaniġġar, tat-tagħbija u l-kostijiet anċillari, il-kostijiet tal-ippakkjar, il-kostijiet ta' kreditu, skontijiet u kummissjonijiet li kienu ppruvati li jaffettwaw it-tqabbil tal-prezzijiet.

(180) Fir-rigward tal-bejgħ lill-Istati Uniti saru aġġustamenti addizzjonali għall-kostijiet imġarrba bejn l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid u għall-profitti li akkumulaw.

(181) Kif huwa previst fl-Artikolu 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku, il-valur normali medju ponderat skont it-tip tal-SSTPF tqabbel mal-prezz medju ponderat tal-esportazzjoni tat-tip korrispondenti tal-prodott taħt rieżami.

(182) Abbażi ta' dan, il-bejgħ ta' Ta Chen lejn is-swieq ewlenin tagħha ta' pajjiżi terzi nstab li kien oġġett ta' dumping.

3.2.3.2. Il-kapaċità tal-produzzjoni u tal-kapaċità ta' riżerva fit-Tajwan

(183) Minħabba l-kooperazzjoni limitata fir-rigward tal-produzzjoni u l-kapaċità fit-Tajwan mill-produtturi Tajwaniżi, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fit-Tajwan ġew stabbiliti abbażi tal-fatti disponibbli u b'mod partikolari abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-applikant u mill-uniku produttur Tajwaniż li kkoopera.

(184) Skont din l-informazzjoni, hemm mill-anqas disa' manifatturi tal-SSTPF fit-Tajwan b'kapaċità ta' produzzjoni totali ta' aktar minn 22 000 tunnellata u kapaċità ta' riżerva stmata ta' 13 000-il tunnellata, li taqbeż il-konsum kollu tal-Unjoni ([81]).

3.2.3.3. Attraenza tas-suq tal-Unjoni

(185) L-investigazzjoni żvelat li l-produttur esportatur Tajwaniż esporta lejn is-swieq terzi ewlenin tiegħu bi prezzijiet ta' bejn 25 % u 45 % aktar baxxi meta mqabbla mal-prezzijiet medji tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni. Dawn huma wkoll aktar baxxi meta mqabbla mal-prezzijiet tal-produttur esportatur Tajwaniż fl-esportazzjoni lejn l-Unjoni. B'kunsiderazzjoni ta' dan il-livell ta' prezzijiet, l-esportazzjoni lejn l-Unjoni hija potenzjalment ħafna aktar attraenti għall-kumpaniji esportaturi milli hija l-esportazzjoni lejn il-pajjiżi l-oħrajn kollha.

(186) Is-suq tal-Unjoni huwa attraenti wkoll fid-dawl tad-daqs tiegħu, b'konsum totali ta' 12 819-il tunnellata.

3.2.3.4. Konklużjoni dwar il-probabbiltà tat-tkomplija tad-dumping

(187) L-investigazzjoni wriet li l-importazzjonijiet Tajwaniżi komplew jidħlu fis-suq tal-Unjoni bi prezzijiet oġġett ta' dumping matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami. Il-volumi tal-importazzjonijiet kienu ħafna aktar baxxi milli kienu matul il-perjodu tal-investigazzjoni oriġinali iżda xorta kienu biżżejjed biex jagħtu indikazzjoni ġusta tal-imġiba futura fil-prezzijiet jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

(188) Barra minn hekk, analiżi tal-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi wriet li l-prattiki tad-dumping seħħew ukoll fis-swieq ta' pajjiżi terzi.

(189) Apparti dan, il-kapaċità ta' riżerva fit-Tajwan hija sinifikanti ħafna u taqbeż il-konsum totali tal-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami.

(190) Fl-aħħar nett, l-attraenza tas-suq tal-Unjoni f'termini tad-daqs u tal-prezzijiet kif jidher hawn fuq, tindika l-probabbiltà li l-esportazzjonijiet Tajwaniżi u l-kapaċità ta' riżerva jkunu diretti (mill-ġdid) lejn l-Unjoni, f'każ li l-miżuri jitħallew jiskadu.

(191) Konsegwentement, il-Kummissjoni kkonkludiet li kien hemm probabbiltà ta' tkomplija ta' dumping, jekk il-miżuri ma jiġux estiżi.

4. **DANNU**

4.1. **Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni**

(192) Abbażi tal-informazzjoni disponibbli fit-talba, il-prodott simili kien immanifatturat minn 14-il produttur fl-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami. Huma jikkostitwixxu l-"industrija tal-Unjoni" skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.

(193) Ġie stabbilit li l-produzzjoni totali tal-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami kienet ta' 9 867 tunnellata. Iċ-ċifra ġiet ikkalkolata abbażi tat-tweġibiet għall-kwestjonarju mit-tliet produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun u t-tweġiba għall-kwestjonarju tal-makroindikaturi sottomessa mill-applikant.

(194) Kif huwa indikat fil-premessi (28) sa (31), il-kampjunar ġie applikat għad-determinazzjoni tat-tkomplija tad-dannu possibbli mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. Il-produtturi tal-Unjoni magħżula fil-kampjun kienu jirrappreżentaw madwar [44 % - 50 %] tal-produzzjoni totali stmata tal-Unjoni tal-prodott simili.

(195) Peress li tnejn mit-tliet produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun huma relatati, id-*data* kollha dwar il-mikroindikaturi kellha tiġi indiċizzata biex tipproteġi l-kunfidenzjalità skont l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku.

([81]) It-Talba għal rieżami ta' skadenza, taqsima C.4.2.

4.2. **Konsum tal-Unjoni**

(196) Il-Kummissjoni stabbiliet il-konsum tal-Unjoni abbażi: (a) Id-*data* tal-applikant dwar il-bejgħ mill-industrija tal-Unjoni tal-prodott simili, parzjalment kontroverifikata mal-volumi tal-bejgħ irrapportati mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun; u (b) l-importazzjonijiet, tal-prodott li qed jiġi investigat, lejn l-Unjoni mill-pajjiżi terzi kollha kif huwa rrapportat fil-bażi tad-*data* Comext (Eurostat).

(197) Abbażi ta' dan, il-konsum mill-Unjoni żviluppa kif ġej:

Tabella 2

Konsum tal-Unjoni (tunnellati)

	2018	2019	2020	RIP
Konsum totali tal-Unjoni	11 323	12 165	11 283	12 819
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*107*	*100*	*113*

Sors: l-Eurostat, l-applikant

(198) Ir-rieżami wera li l-konsum tal-Unjoni żdied bi 13 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Il-konsum tal-Unjoni ġie affettwat b'mod negattiv mit-tifqigħa tal-COVID-19 fl-2020, iżda rkupra tajjeb matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami.

4.3. **Importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati**

4.3.1. *Il-volum u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati*

(199) Il-Kummissjoni stabbiliet il-volum tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati abbażi tal-istatistika tal-Eurostat, kif huwa spjegat kif xieraq fil-premessa (185) hawn fuq. Is-sehem mis-suq tagħhom ġie stabbilit billi tqabblu l-importazzjonijiet mal-konsum tal-Unjoni kif stabbilit fit-tabella 2.

(200) L-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati żviluppaw kif ġej:

Tabella 3

Volum tal-importazzjonijiet u sehem mis-suq

	2018	2019	2020	RIP
Volum tal-importazzjonijiet mir-RPĊ (tunnellati)	523	693	708	719
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*133*	*135*	*138*
Sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mir-RPĊ	4,6 %	5,7 %	6,3 %	5,6 %
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*123*	*136*	*121*
Volum ta' importazzjonijiet mit-Tajwan (tunnellati)	240	337	330	203
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*140*	*137*	*84*
Sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mit-Tajwan	2,1 %	2,8 %	2,9 %	1,6 %
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*131*	*138*	*75*
Volum tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati (tunnellati)	763	1 030	1 038	922
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*135*	*136*	*121*

Sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati (%)	6,7 %	8,5 %	9,2 %	7,2 %
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*126*	*136*	*107*

Sors: il-Eurostat

(201) Il-volumi tal-importazzjonijiet mit-Tajwan ma jinkludux l-importazzjonijiet mill-kumpanija b'marġni ta' dumping ta' 0 %, King Lai (ara n-nota 79 f'qiegħ il-paġna).

(202) Il-volum tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati kien stabbli matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, b'volumi ta' madwar 1 000 tunnellata matul l-2020 u l-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami. Madankollu, filwaqt li l-importazzjonijiet mir-RPĊ żdiedu kemm fil-volum kif ukoll fis-sehem mis-suq, l-importazzjonijiet mit-Tajwan naqsu.

4.3.2. *Prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati u twaqqigħ tal-prezz.*

4.3.2.1. Prezzijiet

(203) Il-Kummissjoni stabbiliet il-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet abbażi tal-istatistika tal-Eurostat u tat-tweġiba vverifikata għall-kwestjonarju tal-uniku produttur esportatur li kkoopera mit-Tajwan li l-esportazzjonijiet tiegħu lejn l-Unjoni jikkostitwixxu l-maġġoranza assoluta tal-importazzjonijiet mit-Tajwan fil-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità, il-valuri tal-importazzjoni mit-Tajwan u ċ-ċifri akkumulati għall-pajjiżi kkonċernati tqiegħdu f'firxiet.

(204) Il-prezz medju ponderat tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati żviluppa kif ġej:

Tabella 4

Prezzijiet tal-importazzjonijiet (EUR/tunnellata)

	2018	2019	2020	RIP
RPĊ	6 707	7 830	7 271	7 557
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*117*	*108*	*113*
It-Tajwan	[6 300 – 6 900]	[6 300 – 6 900]	[5 700 – 6 300]	[6 900 – 7 900]
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*100*	*91*	*111*
Pajjiżi kkonċernati	[6 300 – 6 900]	[6 900 – 7 900]	[6 300 – 6 900]	[6 900 – 7 900]
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*112*	*103*	*114*

Sors: il-Eurostat, tweġiba għall-kwestjonarju ta' Ta Chen

(205) Il-prezzijiet mill-pajjiżi kkonċernati żdiedu matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni b'14 %, u dan jirrifletti livell ġenerali ogħla tal-prezzijiet b'mod partikolari matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami.

4.3.2.2. Twaqqigħ tal-prezz

(206) Ma kienx hemm kooperazzjoni mill-ebda produttur fiċ-Ċina, filwaqt li kien hemm kooperazzjoni minn produttur esportatur Tajwaniż wieħed.

4.3.3. *RPĊ*

(207) Billi ma kienx hemm kooperazzjoni mill-prodotturi esportaturi fir-RPĊ, il-Kummissjoni ddeterminat it-twaqqigħ tal-prezz billi qabblet (a) il-prezzijiet medji ponderati tal-istatistika tal-importazzjonijiet mir-RPĊ matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami, kif huwa spjegat fil-premessa (136), stabbiliti fuq bażi CIF, b'aġġustamenti xierqa għar-rata konvenzjonali tad-dazju doganali, id-dazju anti-dumping u l-kostijiet ta' wara l-importazzjoni, u (b) il-prezzijiet medji ponderati tal-bejgħ tat-tliet prodotturi tal-Unjoni ddebitati lill-klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni, aġġustati għal-livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika.

(208) Ir-riżultat tat-tqabbil ġie espress bħala perċentwal tal-fatturat tal-produtturi tal-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami. Ma weriex twaqqigħ tal-prezz.

(209) F'konformità mal-approċċ għall-kalkoli tad-dumping kif huwa spjegat fil-premessa (137), fl-alternattiva għall-prezzijiet medji ponderati tal-importazzjoni tal-istatistika li ma jagħmlux distinzjoni bejn tagħmir mingħajr weldjatura u dawk iwweldjati, il-Kummissjoni użat ukoll il-prezzijiet tal-esportazzjoni għal tagħmir mingħajr weldjatura u dak iwweldjat, b'forma ta' minkeb, ipprovduti fit-talba, aġġustati għal-livell CIF fil-fruntiera tal-UE b'aġġustamenti xierqa għar-rata konvenzjonali tad-dazju doganali, id-dazju anti-dumping u l-kostijiet ta' wara l-importazzjoni, sabiex jitwettqu kalkoli ta' twaqqigħ tal-prezz komplementari li jiddistingwu bejn dawn iż-żewġ gruppi ta' prodotti. Bl-użu ta' dawk il-prezzijiet u t-tqabbil tagħhom mal-prezz medju tal-kwalità u l-forma korrispondenti manifatturati mill-industrija tal-Unjoni, l-importazzjonijiet Ċiniżi ma waqqgħux il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni.

(210) Il-Kummissjoni kkalkolat ukoll it-twaqqigħ tal-prezz fin-nuqqas ta' dazji anti-dumping. Il-marġnijiet tat-twaqqigħ tal-prezz mingħajr l-applikazzjoni tad-dazji anti-dumping ammontaw għal 17,7 % u 16,4 %, rispettivament.

4.3.4. *It-Tajwan*

(211) Kif huwa msemmi fil-premessa (150), l-importazzjonijiet mill-produttur esportatur li kkoopera Ta Chen ammontaw għal 91 % tal-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami mit-Tajwan fil-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami. Il-Kummissjoni għalhekk ivvalutat it-twaqqigħ tal-prezz mill-importazzjonijiet Tajwaniżi matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami billi qabblet: (a) il-prezzijiet medji ponderati fil-livell CIF fil-fruntiera tal-Unjoni għal kull tip ta' prodott tal-importazzjonijiet minn Ta Chen għall-ewwel klijent indipendenti fis-suq tal-Unjoni, b'aġġustamenti xierqa għall-kostijiet ta' wara l-importazzjoni, id-dazji tal-importazzjoni u d-dazji anti-dumping (jekk applikabbli), u (b) il-prezzijiet medji ponderati tal-bejgħ debitati lil klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni tal-istess tipi ta' prodotti tat-tliet produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, aġġustati għal livell tal-prezz mill-fabbrika.

(212) It-tqabbil tal-prezzijiet sar skont it-tip għal tranżazzjonijiet fl-istess livell ta' kummerċ, aġġustati kif dovut abbażi tal-kostijiet attwali fejn meħtieġ, u wara t-tnaqqis tar-rifużjonijiet u l-iskontijiet kif irrapportat mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Ir-riżultat tat-tqabbil ġie espress bħala perċentwal tal-fatturat tal-produtturi tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(213) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, instab li l-importazzjonijiet mit-Tajwan waqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni b'aktar minn 60 %.

4.4. **Il-volumi u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi**

(214) Il-Kummissjoni stabbiliet il-volumi u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi billi applikat l-istess metodoloġija bħal dik għar-RPĊ u għat-Tajwan (ara t-taqsima 4.3.1)

(215) Il-volum tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi żviluppa kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 5

Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi

Pajjiż		2018	2019	2020	RIP
Il-Malażja	Volum tal-importazzjonijiet (tunnellati)	1 120	1 414	1 290	1 626
	Indiċi (2018 = 100)	*100*	*126*	*115*	*145*
	Sehem mis-suq	9,9 %	11,6 %	11,4 %	12,7 %
	Indiċi (2018 = 100)	*100*	*118*	*116*	*128*
	Prezz medju (EUR/tunnellata)	6 872	6 878	6 263	6 327

	Indiċi (2018 = 100)	*100*	*100*	*91*	*92*
L-Iżvizzera	Volum tal-importazzjonijiet (tunnellati)	1 737	2 040	1 459	1 113
	Indiċi (2018 = 100)	*100*	*117*	*84*	*64*
	Sehem mis-suq	15,3 %	16,8 %	12,9 %	8,7 %
	Indiċi (2018 = 100)	*100*	*109*	*84*	*57*
	Prezz medju (EUR/tunnellata)	6 674	6 946	6 578	8 641
	Indiċi (2018 = 100)	*100*	*104*	*99*	*129*
It-Tajlandja	Volum tal-importazzjonijiet (tunnellati)	184	202	92	82
	Indiċi (2018 = 100)	*100*	*110*	*50*	*45*
	Sehem mis-suq	1,6 %	1,7 %	0,8 %	0,6 %
	Indiċi (2018 = 100)	*100*	*102*	*50*	*40*
	Prezz medju (EUR/tunnellata)	27 305	26 382	31 507	37 802
	Indiċi (2018 = 100)	*100*	*97*	*115*	*138*
Pajjiżi terzi oħrajn	Volum tal-importazzjonijiet (tunnellati)	129	313	139	289
	Indiċi (2018 = 100)	*100*	*242*	*107*	*224*
	Sehem mis-suq	1,1 %	2,6 %	1,2 %	2,3 %
	Indiċi (2018 = 100)	*100*	*226*	*108*	*198*
	Prezz medju (EUR/tunnellata)	18 903	10 247	16 271	11 877
	Indiċi (2018 = 100)	*100*	*54*	*86*	*63*
Importazzjonijiet totali minbarra r-RPĊ u t-Tajwan	Volum tal-importazzjonijiet (tunnellati)	3 170	3 969	2 979	3 110
	Indiċi (2018 = 100)	*100*	*125*	*94*	*98*
	Sehem mis-suq	28,0 %	32,6 %	26,4 %	24,3 %
	Indiċi (2018 = 100)	*100*	*117*	*94*	*87*
	Prezz medju (EUR/tunnellata)	8 438	8 172	7 659	8 503
	Indiċi (2018 = 100)	*100*	*97*	*91*	*101*

Sors: il-Eurostat

(216) Fost l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, l-importazzjoni mill-Malażja u mill-Iżvizzera huma sorsi importanti ta' importazzjonijiet. L-importazzjonijiet mill-Malażja żdiedu b'45 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Kif jingħad fil-premessa (5), il-Kummissjoni qed twettaq investigazzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni dwar l-importazzjonijiet mill-Malażja.

(217) L-importazzjonijiet mill-Iżvizzera, li kienu jikkostitwixxu wkoll sors importanti ta' importazzjonijiet fl-investigazzjoni oriġinali, naqsu b'36 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

4.5. **Sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

4.5.1. *Kummenti ġenerali*

(218) F'konformità mal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, l-eżami tal-impatt tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping fuq l-industrija tal-Unjoni kien jinkludi evalwazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi kollha li kellhom effett fuq l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(219) Sabiex tiddetermina d-dannu, il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn l-indikaturi tad-dannu makroekonomiċi u dawk mikroekonomiċi. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi makroekonomiċi abbażi tad-*data* u l-informazzjoni li jinsabu fit-tweġiba għall-kwestjonarju tal-applikant, kontroverifikata kif xieraq mal-informazzjoni fit-talba u mat-tweġibiet għall-kwestjonarju tal-produtturi inklużi fil-kampjun, u l-istatistika tal-Eurostat. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi mikroekonomiċi abbażi tad-*data* inkluża fit-tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(220) L-indikaturi makroekonomiċi huma: il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum tal-bejgħ, is-sehem mis-suq, it-tkabbir, l-impjiegi, il-produttività, id-daqs tal-marġni tad-dumping u l-irkupru minn dumping tal-passat.

(221) L-indikaturi mikroekonomiċi huma: il-prezzijiet medji tal-bejgħ, il-kost unitarju, il-kostijiet lavorattivi, l-inventarji, il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti, u l-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital.

(222) Għar-raġunijiet stabbiliti fil-premessa (184) hawn fuq, sabiex tiġi rrispettata l-informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali kien meħtieġ li informazzjoni dwar il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun tiġi ppreżentata f'firxiet. Il-preżentazzjoni taċ-ċifri eżatti tippermetti lil kwalunkwe produttur tal-Unjoni jikkalkula ċ-ċifri eżatti tal-produzzjoni tal-produttur l-ieħor, u jkun hemm riskju li operaturi oħrajn tas-suq li jkollhom *data* dwar is-suq ikunu jistgħu jagħmlu hekk ukoll.

4.5.2. *Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u użu tal-kapaċità*

(223) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 6

Produzzjoni, kapaċità ta' produzzjoni u użu tal-kapaċità

	2018	2019	2020	RIP
Volum tal-produzzjoni (tunnellati)	8 757	8 758	8 631	9 867
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*100*	*99*	*113*
Kapaċità tal-produzzjoni (tunnellati)	17 979	17 903	17 972	18 724
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*100*	*100*	*104*
Użu tal-kapaċità (%)	48,7 %	48,9 %	48 %	52,7 %
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*100*	*99*	*108*

Sors: l-applikant

(224) Il-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni żdiedet bi 13 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, bi produzzjoni stabbli mill-2018 sal-2020 u żieda matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami minħabba żieda fil-konsum tal-Unjoni.

(225) Il-kapaċità tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni baqgħet stabbli matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni għal bejn 18 000 u 19 000 tunnellata.

(226) Minn dan joħroġ li r-rata tal-użu tal-kapaċità baqgħet baxxa matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, f'livell ta' madwar 50 %. Il-Kummissjoni nnotat żieda b'erba' punti perċentwali matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, f'konformità maż-żieda osservata fil-volumi tal-produzzjoni.

4.5.3. *Volum tal-bejgħ u sehem mis-suq*

(227) Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 7

Volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq

	2018	2019	2020	RIP
Volum ta' bejgħ totali fis-suq tal-Unjoni - klijenti mhux relatati	7 390	7 166	7 266	8 787
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*97*	*98*	*119*
Sehem mis-suq	65,3 %	58,9 %	64,4 %	68,5 %
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*90*	*99*	*105*

Sors: l-Eurostat, l-applikant

(228) Il-volumi ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni lill-klijenti mhux relatati żdiedu bi 19 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Iż-żieda nħasset b'mod partikolari matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami, meta l-industrija tal-Unjoni żiedet il-volumi tal-bejgħ tagħha fl-Unjoni b'1 521 tunnellata jew b'20 % meta mqabbla mal-2020.

(229) Kumplessivament, l-industrija tal-Unjoni żammet is-sehem tagħha tas-suq tal-Unjoni. Telf f'daqqa tas-sehem mis-suq fl-2019 reġa' nkiseb fis-sena ta' wara, u matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami, l-industrija tal-Unjoni kellha sehem mis-suq ta' 68,5 %.

4.5.4. *Tkabbir*

(230) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-konsum tal-Unjoni żdied bi 13 %, filwaqt li l-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni żdied b'19 %. Konsegwentement, l-industrija tal-Unjoni kibret kemm f'termini ta' sehem mis-suq kif ukoll f'termini assoluti.

4.5.5. *Prezzijiet u fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet*

(231) Il-prezzijiet medji ponderati tal-bejgħ ta' unità tal-produtturi tal-Unjoni lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni u l-kost unitarju tal-produzzjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 8

Prezzijiet tal-bejgħ fl-Unjoni u l-Kost tal-produzzjoni

	2018	2019	2020	RIP
Prezz medju tal-bejgħ unitarju ponderat fl-Unjoni (Indiċi, 2018 = 100)	*100*	*100*	*96*	*107*
Kost unitarju tal-produzzjoni (Indiċi, 2018 = 100)	*100*	*110*	*100*	*108*

Sors: il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(232) Il-prezzijiet tal-bejgħ unitarji baqgħu stabbli mill-bidu tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni u sal-2020. Matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami, minħabba żieda fil-konsum, il-prezzijiet żdiedu b'7 % meta mqabbla mal-livell tal-2018. Madankollu, din iż-żieda fil-prezz ma tirriflettix bis-sħiħ iż-żieda fil-kost tal-produzzjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, peress li dawk żdiedu bi 8 % mill-2018 sal-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami.

4.5.6. *Impjiegi u produttività*

(233) L-impjiegi, il-produttività u l-kostijiet lavorattivi medji tal-produtturi tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 9

Impjiegi u produttività

	2018	2019	2020	RIP
Għadd ta' impjegati	504	512	493	513
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*102*	*98*	*102*
Produttività Lavorattiva (tunnellata/ impjegat)	17	17	18	19
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*99*	*101*	*111*
Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat (Indiċi, 2018 = 100)	*100*	*100*	*101*	*111*

Sors: l-applikant, il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(234) L-għadd ta' impjegati u l-produttività lavorattiva baqgħu stabbli matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. L-industrija tal-Unjoni kienet qed timpjega madwar 500 persuna matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, bi produzzjoni għal kull impjegat ta' madwar 18-il tunnellata.

(235) Il-kostijiet lavorattivi medji żdiedu lejn tmiem il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, iżda b'żieda ta' 11 % fil-kostijiet lavorattivi matul 4 snin, din iż-żieda mhijiex drammatika.

4.5.7. *Inventarji*

(236) Il-livelli tal-istokk tal-produtturi tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 10

Inventarji

	2018	2019	2020	RIP
Stokkijiet tal-għeluq (firxiet)	[800 – 1 200]	[800 – 1 200]	[800 – 1 200]	[800 – 1 200]
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*90*	*103*	*85*
Stokkijiet tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni (firxiet)	[15 % -25 %]	[15 % -25 %]	[15 % -25 %]	[15 % -25 %]
Indiċi (2018 = 100)	100	91	102	78

Sors: il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(237) L-industrija tal-Unjoni żammet il-livell tal-istokk tagħha f'madwar l-istess livell f'termini assoluti matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(238) Matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami, minħabba ż-żieda fil-produzzjoni, il-livell tal-istokk miżmum fir-rigward tal-produzzjoni naqas.

4.5.8. *Profittabilità, fluss tal-flus, investimenti, redditu fuq l-investimenti u kapaċità li jiġi ġġenerat kapital*

(239) Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti tal-produtturi tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 11

Profittabilità, fluss tal-flus, investimenti u redditu fuq l-investimenti

	2018	2019	2020	RIP
Profittabbiltà (Indiċi, 2018 = 100)	*100*	*60*	*53*	*97*
Profittabbiltà tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tal-fatturat mill-bejgħ - firxiet)	[10 % -15 %]	[5 % -10 %]	[5 % -10 %]	[10 % -15 %]
Fluss ta' flus (Indiċi, 2018 = 100)	*100*	*124*	*85*	*176*
Investimenti (Indiċi, 2018 = 100)	*100*	*68*	*75*	*53*
Redditu fuq l-investimenti (Indiċi, 2018 = 100)	*100*	*59*	*56*	*110*

Sors: il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(240) Il-Kummissjoni stabbiliet il-profittabbiltà tal-produtturi tal-Unjoni billi esprimiet il-profitt nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni bħala perċentwal tal-fatturat ta' dak il-bejgħ. Il-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni fil-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami kienet qrib il-livell tagħha tal-2018, iżda naqset b'mod sinifikanti fl-2019, u fl-2020 l-industrija tal-Unjoni kienet qed tagħmel livell ta' profitt b'saħħtu ta' 10 % - 15 % fil-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami.

(241) Il-fluss ta' flus nett huwa l-kapaċità tal-produtturi tal-Unjoni li jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom stess. L-iżvilupp tal-fluss tal-flus matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni kien pożittiv, bil-fluss tal-flus iġġenerat mill-operazzjonijiet tal-industrija f'livell ta' 76 % ogħla matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami meta mqabbel mal-2018.

(242) Il-livell ta' investiment tal-industrija tal-Unjoni kien qed jonqos matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Kif jidher hawn fuq taħt l-użu tal-kapaċità, l-industrija tal-Unjoni ma għandhiex ħtieġa immedjata tinvesti f'kapaċità ta' produzzjoni ġdida.

(243) Ir-redditu fuq l-investimenti huwa l-profitt f'perċentwal tal-valur kontabilistiku nett tal-investimenti, u x-xejra ssegwi dik tal-profittabbiltà.

4.5.9. *Kapaċità li jiġi ġġenerat kapital*

(244) L-ebda wieħed mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun ma rrapporta diffikultajiet fil-kapaċità tiegħu li jiġġenera l-kapital.

4.5.10. *Daqs tal-marġni tad-dumping u rkupru minn dumping fil-passat*

(245) Kif ġie konkluż fil-premessi (148) u (180) għar-RPĊ u t-Tajwan rispettivament, hemm evidenza ċara għall-kontinwazzjoni tad-dumping miż-żewġ pajjiżi kkonċernati. Barra minn hekk, il-Kummissjoni stabbiliet ċirkomvenzjoni Ċiniża tal-miżuri anti-dumping permezz tat-trasbord mill-Malasja ([82]).

(246) L-indikaturi ppreżentati hawn fuq, madankollu, juru li, minkejja d-dumping kontinwu, l-industrija tal-Unjoni rnexxielha tirkupra minn prattiki ta' dumping tal-passat.

4.5.11. *Prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni*

(247) Il-volum tal-esportazzjonijiet tal-produtturi tal-Unjoni żviluppa kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 12

Prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni

	2018	2019	2020	RIP
Volum tal-esportazzjonijiet (tunnellati)	1 326	1 445	1 188	1 303
Indiċi (2018 = 100)	*100*	*109*	*90*	*98*
Prezz medju (indiċi, 2018 = 100)	*100*	*101*	*100*	*103*

Sors: l-applikant, il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(248) Il-volumi tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni lill-klijenti mhux relatati naqsu matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, b'mod partikolari matul l-2020 meta faqqgħet il-pandemija tal-COVID-19. Matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami, il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni rkuprat kważi għal-livell tal-2018.

(249) Il-prezzijiet medji tal-esportazzjoni kienu stabbli matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Fis-suq tal-esportazzjoni, peress li huwa selettiv minħabba kompetizzjoni ħarxa, l-industrija tal-Unjoni qed tiffoka aktar fuq il-livell għoli tas-suq.

4.5.12. *Konklużjoni dwar is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni*

(250) Il-volum tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati ma kienx negliġibbli matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni u dawn għadhom qed iwaqqgħu l-prezzijiet medji tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni b'marġni wiesa'.

(251) Madankollu, il-biċċa l-kbira tal-indikaturi tad-dannu, bħall-produzzjoni, il-bejgħ, l-impjiegi, il-profittabbiltà u l-fluss tal-flus żviluppaw b'mod pożittiv u/jew kienu f'livelli sodisfaċenti. L-indikaturi eżaminati għalhekk juru li l-miżuri anti-dumping kisbu r-riżultat maħsub tagħhom li jneħħu d-dannu mġarrab mill-produtturi tal-Unjoni.

(252) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni f'dan l-istadju kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni rkuprat mid-dannu preċedenti u ma ġarrbitx dannu materjali fis-sens tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami.

([82]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/453 tat-2 ta' Marzu 2023 li jestendi d-dazju anti-dumping definittiv impost bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/141 fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu tagħmir iwweldjat tarf ma' tarf ta' tubi u pajpijiet tal-azzar li ma jsaddadx, imlestija jew le, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għal importazzjonijiet ta' ċertu tagħmir iwweldjat tarf ma' tarf ta' tubi u pajpijiet tal-azzar li ma jsaddadx, imlestija jew le, ikkonsenjati mill-Malażja, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Malażja kif ukoll jekk le (ĠU L 67, 3.3.2023, p. 19).

5. **PROBABBILTÀ TA' RIKORRENZA TA' DANNU F'KAŻ LI L-MIŻURI JITĦASSRU**

(253) Peress li l-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni ma ġarrbitx dannu materjali matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami, il-Kummissjoni vvalutat, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, jekk ikunx hemm probabbiltà ta' rikorrenza ta' dannu mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mir-RPĊ u t-Tajwan jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

(254) F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni eżaminat il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fil-pajjiżi kkonċernati, l-attraenza tas-suq tal-Unjoni, u l-impatt probabbli tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

(255) Kif ġie konkluż fil-premessi (142)-(143) u (172)-(173), il-kapaċitajiet ta' riżerva fir-RPĊ u fit-Tajwan huma sinifikanti u flimkien jirrappreżentaw ħames darbiet il-konsum annwali fl-Unjoni. Barra minn hekk, kif huwa konkluż fil-premessi (144)-(147) u (174)-(175), is-suq tal-Unjoni huwa suq attraenti għall-produtturi Ċiniżi u Tajwaniżi fid-dawl tal-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni u d-daqs tiegħu. Fuq dik il-bażi, hemm probabbiltà kbira li l-iskadenza tal-miżuri anti-dumping tirriżulta f'żieda fl-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni.

(256) Il-Kummissjoni analizzat l-effetti probabbli ta' żieda bħal din fl-importazzjonijiet billi eżaminat il-livelli tal-prezzijiet probabbli tagħhom jekk il-miżuri jitħallew jiskadu. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni qieset, fir-rigward taċ-Ċina, il-livelli tal-prezzijiet tal-importazzjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami mingħajr dazju anti-dumping bħala indikazzjoni raġonevoli peress li l-importazzjonijiet Ċiniżi xorta kellhom sehem mis-suq ta' 5,6 % fil-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami. Fuq din il-bażi, u kif huwa spjegat fil-premessa (199), il-Kummissjoni stabbiliet twaqqigħ sinifikanti tal-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni b'sa 17,7 % jew 16,4 %, skont il-metodu, għar-RPĊ fil-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami jekk ma jkunx hemm dazju anti-dumping. Għalhekk, fin-nuqqas ta' miżuri, huma probabbli livelli ta' twaqqigħ tal-prezz fl-istess ordni.

(257) Skont id-divulgazzjoni finali, Zhejiang Jndia u s-CCCMC affermaw li ma jkun hemm l-ebda rikorrenza ta' dannu minħabba l-importazzjonijiet miċ-Ċina, minħabba li s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi fl-Unjoni kien biss ta' 5,6 % filwaqt li l-industrija tal-Unjoni kellha sehem mis-suq ta' madwar 70 % matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Zhejiang Jndia indikat ukoll it-tnaqqis fl-importazzjonijiet Ċiniżi bejn il-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali (3 238 tunnellata) u l-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami (719-il tunnellata).

(258) Din l-affermazzjoni ġiet miċħuda. Il-Kummissjoni kienet ikkonkludiet li fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, l-industrija tal-Unjoni ma ġarrbitx dannu materjali (ara l-premessa (252). Madankollu, il-konklużjoni milħuqa mill-Kummissjoni fir-rigward tal-probabbiltà ta' rikorrenza tad-dannu kienet ibbażata fuq valutazzjoni prospettiva. Għalhekk, dik il-konklużjoni ma kinitx ibbażata fuq il-volumi attwali tal-importazzjoni jew fuq l-ishma mis-suq, u kif dawn tqabblu ma' dawk fil-perjodu ta' investigazzjoni tal-investigazzjoni oriġinali, iżda fuq il-kapaċitajiet żejda eżistenti fir-RPĊ, l-attraenza tas-suq tal-Unjoni u t-twaqqigħ tal-prezz fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami kieku ma jiġix applikat dazju anti-dumping fuq l-importazzjonijiet Ċiniżi.

(259) Fir-rigward tat-Tajwan, produttur esportatur wieħed biss ikkoopera, iżda peress li din il-parti kienet tirrappreżenta aktar minn 90 % tal-importazzjonijiet mit-Tajwan fil-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami, il-Kummissjoni bbażat il-kalkolu tat-twaqqigħ tal-prezz tagħha fuq il-prezzijiet tal-esportazzjoni vverifikati ta' dik il-parti. Madankollu, l-importazzjonijiet mit-Tajwan b'mod ġenerali kellhom biss sehem żgħir mis-suq ta' 1,6 % matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami (filwaqt li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mit-Tajwan kellhom sehem mis-suq ta' 7,8 % fil-perjodu ta' investigazzjoni tal-investigazzjoni oriġinali). Fl-ilment għall-investigazzjoni oriġinali u fit-talba għal rieżami ta' skadenza, l-applikant identifika 10 produtturi esportaturi Tajwaniżi. Dan jagħmel analiżi prospettiva tat-twaqqigħ tal-prezz abbażi tad-*data* minn Ta Chen mhux meħtieġa, għaliex l-imġiba probabbli tal-ipprezzar tal-biċċa l-kbira tal-produtturi esportaturi Tajwaniżi, li għebu mis-suq tal-Unjoni wara l-impożizzjoni tal-miżuri, ma kinitx tiġi riflessa, filwaqt li kienu preżenti, f'volumi kbar, qabel ma ġew imposti l-miżuri.

(260) Barra minn hekk, id-*data* miksuba fil-qafas tar-rieżami ta' skadenza wriet li l-biċċa l-kbira tal-kapaċità ta' riżerva fost il-produtturi esportaturi Tajwaniżi hija fost dawk li huma soġġetti għad-dazju anti-dumping residwu ogħla, u matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami dawn kienu kważi kompletament assenti mis-suq tal-Unjoni. Dan juri li l-miżuri fis-seħħ huma effettivi fil-prevenzjoni tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping milli jidħlu fis-suq tal-Unjoni. Fl-istess ħin, din hija indikazzjoni qawwija li jekk dawn il-miżuri jitħallew jiskadu, l-esportazzjonijiet issa protetti mid-dazju anti-dumping residwu x'aktarx li jerġgħu jibdew.

(261) Fil-perjodu taħt kunsiderazzjoni, l-industrija tal-Unjoni b'mod ġenerali kienet f'sitwazzjoni finanzjarja soda fejn il-biċċa l-kbira tal-indikaturi tad-dannu wrew xejriet u/jew valuri pożittivi. Madankollu, jenħtieġ li jiġi sottolinjat li s-suq tal-Unjoni kien protett b'mod effettiv mill-preżenza ta' volumi kbar ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping f'dak il-perjodu minħabba l-miżuri anti-dumping fis-seħħ u l-industrija tal-Unjoni setgħet tieħu vantaġġ minn dan. Fin-nuqqas tal-miżuri, madankollu, kif huwa spjegat hawn fuq, huwa probabbli li l-produtturi Ċiniżi u Tajwaniżi jżidu malajr l-ishma tas-suq tagħhom. Dawn jeżerċitaw pressjoni sinifikanti fuq il-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni u fl-istess ħin jiksbu sehem mis-suq għad-detriment tal-industrija tal-Unjoni. Tabilħaqq, l-industrija tal-Unjoni ma tkunx tista' tlaħħaq mal-pressjoni fuq il-prezzijiet mill-esportaturi Ċiniżi u Tajwaniżi u għalhekk is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni tiddeterjora malajr u dan jirriżulta f'dannu materjali.

(262) Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni kkonkludiet li n-nuqqas ta' miżuri x'aktarx li jirriżulta f'żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ u mit-Tajwan bi prezzijiet dannużi u li x'aktarx jerġa' jseħħ dannu materjali.

6. **INTERESS TAL-UNJONI**

6.1. **Introduzzjoni**

(263) F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk iż-żamma tal-miżuri tmurx kontra l-interess tal-Unjoni b'mod ġenerali. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq apprezzament tal-interessi differenti involuti, jiġifieri dawk tal-industrija tal-Unjoni, tal-importaturi, u tal-utenti.

(264) Il-partijiet interessati kollha ngħataw l-opportunità jesprimu l-fehmiet tagħhom skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament bażiku.

(265) Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni eżaminat jekk, minkejja l-konklużjonijiet dwar il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' dumping u ta' rikorrenza tad-dannu, kinux jeżistu raġunijiet konvinċenti li jwasslu għall-konklużjoni li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li jinżammu l-miżuri eżistenti.

6.2. **Interess tal-industrija tal-Unjoni**

(266) Kif ġie konkluż fil-premessa (241), l-industrija tal-Unjoni ma għadhiex qed iġġarrab dannu materjali. Madankollu, kif ġie konkluż fil-premessa (249) l-industrija tal-Unjoni ma tkunx tista' tlaħħaq mat-tneħħija tal-miżuri, għaliex dan x'aktarx jirriżulta f'żieda qawwija fl-importazzjonijiet oġġett ta' dumping. Għalhekk, revoka tal-miżuri kieku tpoġġi l-vijabbiltà finanzjarja fit-tul tal-industrija f'riskju. Għalhekk, il-kontinwazzjoni tal-miżuri hija fl-interess tal-industrija tal-Unjoni.

6.3. **Interess tal-importaturi u tal-utenti mhux relatati**

(267) L-importaturi u l-utenti magħrufa kollha mhux relatati ġew infurmati dwar il-bidu tar-rieżami. Madankollu, il-Kummissjoni ma kellhiex kooperazzjoni mill-importaturi u mill-utenti mhux relatati.

(268) Skont id-divulgazzjoni finali, Zhejiang Jndia u s-CCCMC irreferew għas-sottomissjoni ta' Euranimi tat-23 ta' Awwissu 2022. Euranimi rrappreżenta għadd ta' importaturi u Zhejiang Jndia u s-CCCMC enfasizzaw li l-importaturi b'hekk kienu esprimew il-vuċi tagħhom, għalkemm kollettivament. Zhejiang Jndia u s-CCCMC innotaw li fis-sottomissjoni msemmija, Euranimi opponiet il-kontinwazzjoni tal-miżuri anti-dumping peress li ż-żamma tar-rati anti-dumping "eċċessivi" fuq l-importazzjonijiet tal-SSTPF Ċiniż timmina l-kompetittività internazzjonali tal-industrija tal-manifattura downstream Ewropea li tuża tali prodotti. Barra minn hekk, Euranimi kienet sostniet li t-tkomplija tal-miżuri tirriżulta fi tnaqqis fl-attivitajiet tal-kumpaniji, telf ta' impjiegi u inqas dħul għall-uffiċċji tat-taxxa nazzjonali.

(269) Il-Kummissjoni nnotat li l-affermazzjonijiet ta' Euranimi ma kienu ssostanzjati bl-ebda evidenza. Barra minn hekk, peress li l-ebda importatur jew utent mhux relatat ma kkoopera fl-investigazzjoni billi bagħat tweġiba għall-kwestjonarju, l-affermazzjonijiet ta' Euranimi fir-rigward tal-pożizzjoni ta' dawn il-partijiet dwar il-miżuri u l-impatt tal-miżuri fuq is-sitwazzjoni kompetittiva tagħhom ma setgħux jiġu kontroverifikati ma' *data* tan-negozju rilevanti vverifikata speċifika għall-kumpaniji. Dawn l-affermazzjonijiet kienu għalhekk miċħuda.

(270) Għalhekk, ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li ż-żamma tal-miżuri jkollha impatt negattiv fuq l-utenti u/jew fuq l-importaturi li jegħleb l-impatt pożittiv tal-miżuri.

6.4. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(271) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kienx hemm raġunijiet konvinċenti li juru li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li jinżammu l-miżuri fuq l-importazzjonijiet ta' tagħmir iwweldjat tarf ma' tarf ta' tubi u pajpijiet tal-azzar li ma jsaddadx li joriġina mir-RPĊ u t-Tajwan.

7. **MIŻURI ANTI-DUMPING**

(272) Abbażi tal-konklużjonijiet milħuqa mill-Kummissjoni dwar il-probabbiltà tal-kontinwazzjoni ta' dumping, il-probabbiltà tar-rikorrenza ta' dannu u l-interess tal-Unjoni, il-miżuri anti-dumping fuq ċertu tagħmir iwweldjat tarf ma' tarf ta' tubi u pajpijiet tal-azzar li ma jsaddadx li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u t-Tajwan jenħtieġ li jinżammu.

(273) Sabiex jiġu mminimizzati r-riskji ta' ċirkomvenzjoni minħabba d-differenza fir-rati tad-dazju, huma meħtieġa miżuri speċjali biex tiġi żgurata l-applikazzjoni tad-dazji anti-dumping individwali. Il-kumpaniji b'dazji anti-dumping individwali jridu jippreżentaw fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. Il-fattura trid tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 1(5) ta' dan ir-Regolament. L-importazzjonijiet li ma jkunux akkumpanjati minn dik il-fattura jenħtieġ li jkunu soġġetti għad-dazju anti-dumping applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha".

(274) Filwaqt li l-preżentazzjoni ta' din il-fattura hija meħtieġa biex l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw ir-rati tad-dazju anti-dumping individwali fuq l-importazzjonijiet, din mhijiex l-uniku element li għandu jitqies mill-awtoritajiet doganali. Tabilħaqq, anke jekk jiġu ppreżentati b'fattura li tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 1(5) ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jridu jwettqu l-kontrolli tas-soltu tagħhom u jistgħu, bħal fil-każijiet l-oħrajn kollha, ikunu jirrikjedu dokumenti addizzjonali (dokumenti tat-trasport bil-baħar, eċċ.) biex ikunu jistgħu jivverifikaw l-akkuratezza tad-dettalji li jkun hemm fid-dikjarazzjoni u jiżguraw li l-applikazzjoni sussegwenti tar-rata aktar baxxa tad-dazju tkun iġġustifikata, f'konformità mal-liġi doganali.

(275) Jekk l-esportazzjonijiet minn waħda mill-kumpaniji li jibbenefikaw minn rati tad-dazju individwali aktar baxxi jiżdiedu b'mod sinifikanti fil-volum wara l-impożizzjoni tal-miżuri kkonċernati, tali żieda fil-volum tista' titqies bħala waħda li fiha nnifisha tikkostitwixxi bidla fix-xejra tal-kummerċ minħabba l-impożizzjoni ta' miżuri skont it-tifsira tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku. F'ċirkostanzi bħal dawn u dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet, tista' tinbeda investigazzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni. Din l-investigazzjoni tista', fost l-oħrajn, teżamina l-ħtieġa tat-tneħħija ta' rata/rati tad-dazju individwali u l-impożizzjoni konsegwenti ta' dazju għall-pajjiż kollu.

(276) Ir-rati tad-dazju anti-dumping tal-kumpaniji individwali speċifikati fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament japplikaw biss għall-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami li joriġina mir-RPĊ u t-Tajwan, u li jiġi mmanifatturat mill-entitajiet ġuridiċi msemmija. L-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami mmanifatturat minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija b'mod speċifiku fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi l-entitajiet relatati ma' dawk speċifikament imsemmija, jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-rata ta' dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha". Dawn jenħtieġ li ma jkunu soġġetti għall-ebda waħda mir-rati tad-dazju anti-dumping individwali.

(277) Kumpanija tista' titlob l-applikazzjoni ta' dawn ir-rati tad-dazju anti-dumping individwali jekk hija sussegwentement tbiddel l-isem tal-entità tagħha. It-talba trid tiġi indirizzata lill-Kummissjoni ([83]). It-talba jrid ikun fiha l-informazzjoni rilevanti kollha li turi li l-bidla ma taffettwax id-dritt tal-kumpanija li tibbenefika mir-rata ta' dazju li tapplika għaliha. Jekk il-bidla fl-isem tal-kumpanija ma taffettwax id-dritt tagħha li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha, jiġi ppubblikat regolament dwar il-bidla fl-isem f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(278) Il-partijiet interessati kollha ġew informati bil-fatti u bil-kunsiderazzjonijiet essenzjali li abbażi tagħhom kien maħsub li jiġi rrakkomandat li jinżammu l-miżuri eżistenti. Il-partijiet kollha ngħataw ukoll perjodu sabiex jagħmlu rappreżentazzjonijiet wara din id-divulgazzjoni u sabiex jitolbu smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Smigħ fil-proċedimenti kummerċjali. Is-sottomissjonijiet u l-kummenti ttieħdu inkunsiderazzjoni kif xieraq.

(279) Fid-dawl tal-Artikolu 109 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([84]), meta ammont ikun irid jiġi rimborżat wara sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-imgħax li jrid jitħallas jenħtieġ li jkun ir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin tiegħu, kif ippubblikat fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fl-ewwel jum kalendarju ta' kull xahar.

(280) Il-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036 ta opinjoni pożittiva,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju anti-dumping definittiv huwa impost fuq l-importazzjonijiet ta' tagħmir iwweldjati tarf ma' tarf ta' tubi u pajpijiet, ta' gradi ta' azzar li ma jsaddadx awstenitiku, li jikkorrispondi għat-tipi AISI 304, 304L, 316, 316L, 316Ti, 321 u 321H u l-ekwivalenti tagħhom fin-normi l-oħrajn, b'dijametru estern massimu li ma jaqbiżx l-406,4 mm u ħxuna tal-ħitan ta' 16 mm jew anqas, bi ħruxija medja (Ra) tal-wiċċ intern ta' mhux anqas minn 0,8 mikrometri, mhux ifformati bħala flanġijiet, imlestija jew le, li attwalment jaqa' taħt il-kodiċijiet NM ex 7307 23 10 u ex 7307 23 90 (il-kodiċijiet TARIC 7307 23 10 50, 7307 23 10 55, 7307 23 90 50, 7307 23 90 55) u li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mit-Tajwan.

2. Ir-rati tad-dazju anti-dumping definittiv applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u mmanifatturat mill-kumpaniji elenkati hawn taħt għandhom ikunu kif ġejjin:

Kumpanija	Rata tad-dazju anti-dumping definittiv (%)	Kodiċi addizzjonali TARIC
It-Tajwan		
Ta Chen Stainless Pipes Co., Ltd.	5,1	C176
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	12,1	C999
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina		
Zhejiang Good Fittings Co., Ltd.	55,3	C177
Zhejiang Jnda Pipeline Industry Co., Ltd.	48,9	C178
Suzhou Yuli Pipeline Industry Co., Ltd.	30,7	C179

([83]) European Commission, Directorate-General for Trade, Directorate G, Rue de la Loi 170, 1040 Brussels, Belgium.

([84]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

Jiangsu Judd Pipeline Industry Co., Ltd.	30,7	C180
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha li kkooperaw (mhux inklużi fil-kampjun):		
Alfa Laval Flow Equipment (Kunshan) Co., Ltd.	41,9	C182
Kunshan Kinglai Hygienic Materials Co., Ltd.	41,9	C184
Wifang Huoda Pipe Fittings Manufacture Co., Ltd.	41,9	C186
Yada Piping Solutions Co., Ltd.	41,9	C187
Jiangsu Huayang Metal Pipes Co., Ltd.	41,9	C188
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	64,9	C999

3. Id-dazji anti-dumping ma humiex applikabbli għall-produttur esportatur Tajwaniż King Lai Hygienic Materials Co., Ltd. (Kodiċi addizzjonali TARIC C175)

4. Id-dazju anti-dumping definittiv ta' 64,9 % applikabbli għal importazzjonijiet li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, kif huwa stabbilit fil-paragrafu 2, huwa estiż għall-importazzjonijiet ta' tagħmir iwweldjat tarf ma' tarf ta' tubi u pajpijiet, ta' gradi ta' azzar li ma jsaddadx awstenitiku, li jikkorrispondi għat-tipi AISI 304, 304L, 316, 316L, 316Ti, 321 u 321H u l-ekwivalenti tagħhom fin-normi l-oħrajn, b'dijametru estern massimu li ma jaqbiżx l-406,4 mm u ħxuna tal-ħitan ta' 16 mm jew anqas, bi ħruxija medja (Ra) tal-wiċċ intern ta' mhux anqas minn 0,8 mikrometri, mhux ifformati bħala flanġijiet, imlestija jew le, ikklassifikat attwalment taħt il-kodiċijiet NM ex 7307 23 10 u ex 7307 23 90, ikkonsenjat mill-Malażja, kemm jekk iddikjarat li joriġina mill-Malażja kif ukoll jekk le (il-kodiċijiet TARIC 7307 23 10 35, 7307 23 10 40, 7307 23 90 35, 7307 23 90 40), bl-eċċezzjoni ta' dawk prodotti mill-kumpaniji elenkati hawn taħt:

Pajjiż	Kumpanija	Kodiċi addizzjonali TARIC
Il-Malażja	Pantech Stainless And Alloy Industries Sdn. Bhd.	A021
Il-Malażja	SP United Industry Sdn. Bhd.	A022

5. L-applikazzjoni tar-rati tad-dazju individwali speċifikati għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 u l-eżenzjonijiet mid-dazju estiż imsemmi fil-paragrafu 4 għandha ssir bil-kundizzjoni li tiġi ppreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fuqha għandha tidher dikjarazzjoni datata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ din il-fattura, identifikat b'ismu u l-kariga tiegħu, abbozzata kif ġej: *"Jien, is-sottoskritt, niċċertifika li l-(volum) tal-(prodott taħt rieżami) mibjugħ biex jiġi esportat lejn l-Unjoni Ewropea u kopert minn din il-fattura ġie mmanifatturat minn (l-isem u l-indirizz tal-kumpanija) (kodiċi addizzjonali TARIC) fi [pajjiż ikkonċernat]. Jiena niddikjara li l-informazzjoni pprovduta f'din il-fattura hija kompluta u korretta."* Jekk ma tiġix ippreżentata fattura bħal din, għandu japplika d-dazju applikabbli għall-kumpaniji l-oħrajn kollha.

6. L-Artikolu 1(2) jista' jiġi emendat biex iżid produtturi esportaturi ġodda mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u jagħmilhom soġġetti għar-rata ta' dazju anti-dumping medja ponderata xierqa għall-kumpaniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun. Produttur esportatur ġdid għandu jipprovdi evidenza li:

(a) ma esportax l-oġġetti deskritti fl-Artikolu 1(1) li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina matul il-perjodu bejn l-1 ta' Ottubru 2014 sat-30 ta' Settembru 2015 ("il-perjodu tal-investigazzjoni oriġinali");

(b) ma huwiex relatat ma' esportatur jew produttur soġġett għall-miżuri imposti minn dan ir-Regolament, u li kkoopera jew seta' kkoopera fl-investigazzjoni li wasslet għad-dazju; u

(c) jew li effettivament esporta l-prodott taħt rieżami li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina jew li daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli sabiex jesporta kwantità sinifikanti lejn l-Unjoni wara t-tmiem tal-perjodu tal-investigazzjoni oriġinali.

Artikolu 2

Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' April 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN